KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fid-29 ta’ April 2014[1]

**Kawża C-580/12 P**

**Guardian Industries Corp.**
**Guardian Europe Sàrl**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

“Appell — Akkordji — Suq tal-ħġieġ ċatt — Kalkolu tal-multa — Teħid inkunsiderazzjoni tal-bejgħ intern tal-impriżi — Terminu raġonevoli — Ammissibbiltà ta’ dokumenti ppreżentati tard”

1. F’dan l-appell, Guardian Industries Corp. u Guardian Europe Sàrl (iktar ’il quddiem, flimkien “Guardian” jew l-“appellanti”) jitolbu l-annullament tas-sentenza Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni[2], li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ċaħdet ir-rikors tagħhom. Dak ir-rikors kien intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tat-28 ta’ Novembru 2007, li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea imponitilhom multa ta’ EUR 148 miljun minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom f’akkordju dwar is-suq tal-ħġieġ ċatt matul il-perijodu bejn April 2004 u Frar 2005[3].

2. Fil-kalkolu tal-multa li huwa l-qalba tal-kwistjoni mqajma f’dan ir-rikors, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-bejgħ intern jiġifieri bejgħ intern lill-impriżi vertikalment integrati. Guardian, li għamlet biss bejgħ lil terzi indipendenti, hija tal-fehma li, abbażi tal-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni, hija kellha tibbenefika, fi proporzjon ekwivalenti għal dak tal-bejgħ intern fil-volum globali tas-suq, minn tnaqqis tal-multa li ġiet imposta fuqha. Il-kwistjoni l-oħra importanti mqajma f’din il-kawża hija dik tat-terminu raġonevoli tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, b’mod partikolari peress li mhux inqas minn tliet snin u ħames xhur għaddew bejn l-għeluq tal-proċedura bil-miktub u d-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura orali, fl-assenza ta’ kull att proċedurali ieħor u mingħajr ebda raġuni ċara.

## I – **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

3. Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata huma deskritti skont kif ġej fil-punti 1 sa 10 tas-sentenza:

“1 Ir-rikorrenti, Guardian Industries Corp. u Guardian Europe Sàrl jagħmlu parti mill-grupp Guardian, attiv fil-produzzjoni ta’ ħġieġ ċatt u ta’ ħġieġ tal-karozzi. Guardian Industries hija l-kumpannija li tinsab f’ras il-grupp Guardian u indirettament għandha sehem ta’ 100 % mill-kapital ta’ Guardian Europe.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — T-82/08, EU:T:2012:494, (iktar ’il quddiem is-“sentenza appellata”).

3 — C(2007) 5791 finali, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE [issa l-Artikolu 101 TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39165 — Ħġieġ ċatt), li sunt tagħha ġie ppubblikat fil-ĠU 2008 C 127, p. 9 (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”). Ser nuża l-enumerazzjoni l-qadima f’dawn il-konklużjonijiet għaliex id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata taħt it-Trattat KE.

2 Fit-22 u t-23 ta' Frar 2005 u fil-15 ta' Marzu 2005, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej wettqet spezzjonijiet għal għarrieda, b'mod partikolari fil-bini ta' Guardian Flachglas GmbH, Guardian Europe u Guardian Luxguard I SA.

3 Fit-2 ta' Marzu 2005, Asahi Glass Co. Ltd u s-sussidjarji tagħha kollha, inkluża Glaverbel SA/NV, li sussegwentement saret AGC Flat Glass Europe SA/NV (iktar 'il quddiem "Glaverbel"), ippreżentaw talba sabiex jingħataw immunità mill-multa jew, jekk ikun il-każ, tnaqqis tal-multa skont il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni [...] dwar l-immunità minn multi u t-tnaqqis tal-ammont tagħhom f'kawżi li jirrigwardaw akkordji (ĠU 2002, C 45, p. 3).

4 Fit-3 ta' Jannar 2006, il-Kummissjoni bdiet proċeduri skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) u informa[t] b'dan lill-partijiet fis-6 ta' Marzu 2006.

5 Fl-10 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni bagħtet talbiet għal informazzjoni lil diversi kumpanniji, fosthom lir-rikorrenti. Guardian Europe wieġbet għal din it-talba fl-10 ta' Marzu 2006.

6 Fid-9 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet mibgħuta fit-13 u fl-14 ta' Marzu 2007 lil diversi kumpanniji, fosthom lir-rikorrenti.

7 Fit-28 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni [ikkontestata] [...] li ġiet innotifikata lir-rikorrenti fit-3 ta' Diċembru 2007.

8 Id-deċiżjoni kkontestata ntbagħtet ukoll lil Asahi Glass, lil Glaverbel, kif ukoll lil Pilkington Deutschland AG, lil Pilkington Group Ltd, lil Pilkington Holding GmbH (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "Pilkington"), lil Compagnie de Saint-Gobain SA u lil Saint-Gobain Glass France SA (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "Saint-Gobain").

9 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li l-kumpanniji destinatarji tagħha kienu pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 81(1) KE, li nfirex għat-territorju taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), li jikkonsisti minn iffissar ta' żidiet fil-prezzijiet, minn prezzijiet minimi, minn miri ta' prezzijiet, minn iffriżar ta' prezzijiet u minn kundizzjonijiet kummerċjali oħra għall-bejgħ lil klijenti indipendenti ta' erba' kategoriji ta' prodotti ta' ħġieġ ċatt użati fis-settur tal-kostruzzjoni, jiġifieri l-ħġieġ tat-tip float glass, il-ħġieġ ta' effiċjenza għolja tal-enerġija, il-ħġieġ laminat u l-mirja mhux ipproċessati, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva.

10 Ir-rikorrenti instabu ħatja tal-ksur għall-perijodu mill-20 ta' April 2004 sat-22 ta' Frar 2005 u ġiet imposta fuqhom *in solidum* multa ta' EUR 148 miljun."

4. Permezz ta' rikors tat-12 ta' Frar 2008, Guardian ikkontestat id-deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali.

## II – **Is-sentenza appellata**

5. Insostenn tat-talbiet tagħha intiżi għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata, Guardian invokat motiv uniku, ibbażat fuq żbalji ta' fatt dwar it-tul tal-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju u dwar id-dimensjoni ġeografika tal-akkordju. It-talbiet intiżi għat-tnaqqis tal-multa kienu bbażati fuq tliet motivi. L-ewwel wieħed kien intiż sabiex jislet il-konsegwenzi tal-motiv ta' annullament parzjali. Permezz tat-tieni, Guardian invokat ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu ta' motivazzjoni. Fir-rigward tat-tielet motiv, dan kien ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-irwol ta' Guardian fl-akkordju. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors kollu kemm hu.

6. Fuq bażi preliminari, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet skont kif ġej dwar l-ammissibbiltà ta' ittra ppreżentata mill-Kummissjoni fl-10 ta' Frar 2012:

"19 Fis-seduta, ir-rikorrenti kkontestaw l-ammissibbiltà tal-ittra tal-Kummissjoni tal-10 ta' Frar 2012 peress li din l-ittra għandha ċifri li qatt ma ġew ikkomunikati lilhom qabel.

20 Il-Kummissjoni tikkunsidra li din l-ittra, li tikkostitwixxi żieda mat-tweġiba tagħha tat-23 ta' Jannar 2012 għall-mistoqsijiet mibgħuta lilha mill-Qorti Ġenerali, hija ammissibbli

21 Għandu jiġi nnotat li din l-ittra waslet fil-Qorti Ġenerali barra t-terminu mogħti mill-Kummissjoni, iżda madankollu hija kienet għadha ma ġietx ikkomunikata lir-rikorrenti fl-10 ta' Frar 2012. Din l-ittra tinkludi osservazzjonijiet fuq dokument ippreżentat mir-rikorrenti fit-8 ta' Frar 2012, kif ukoll żieda għat-tweġiba tal-Kummissjoni għal mistoqsija bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali bħala tweġiba qabel is-seduta relatata mal-metodu tal-kalkolu tal-ammont tal-multa proposta mir-rikorrenti fil-każ ta' esklużjoni tal-captive sales [bejgħ minn fornituri lil konsumaturi li huma fil-proprjetà sħiħa jew parzjali tal-imsemmija fornituri] [bejgħ intern]. B'hekk il-Kummissjoni ppreċiżat, minn naħa, li ċ-ċifri li jinsabu fit-tabella Nru 1 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinux jikkonċernaw biss il-bejgħ [intern], iżda wkoll il-bejgħ ta' ċerti kategoriji ta' ħġieġ li finalment ma ttiħdux inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni [kkontestata] u, min-naħa l-oħra, il-proporzjon bejn il-bejgħ totali tal-membri tal-akkordju u l-bejgħ intern tagħhom.

22 Fid-dawl tal-kontenut ta' din l-ittra u tal-fatt li hija ntbagħtet lir-rikorrenti, li għaldaqstant setgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar is-suġġett waqt is-seduta, hemm lok li jiġi kkunsidrat li d-dokument inkwistjoni huwa ammissibbli u li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mir-rikorrenti għandha tiġi miċħuda."

7. It-talbiet għal annullament ġew miċħuda għall-motivi msemmija fil-punti 28 sa 93 tas-sentenza appellata.

8. Fir-rigward tat-talbiet għat-tnaqqis tal-multa, il-punti 98 sa 107 tas-sentenza appellata huma fformulati skont kif ġej:

"98 Ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-Kummissjoni kisret, minn naħa, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni meta eskludiet mill-kalkolu tal-multi t-tliet membri l-oħra tal-akkordju l-valur tal-"captive sales", jiġifieri l-bejgħ [intern] [...] għall-gruppi, u min-naħa l-oħra, l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni relatat ma' dawn il-kalkoli.

99 Ir-rikorrenti jenfasizzaw b'hekk li, fin-nuqqas ta' motivazzjoni relatata mal-kalkolu tal-multa tat-tliet membri l-oħra tal-akkordju u fid-dawl tan-natura kunfidenzjali tad-data użata, huwa impossibbli li jiġi ddeterminat in-natura u l-valur rispettiv tal-"captive sales"għal kull parteċipant fl-akkordju. Huma jsostnu għaldaqstant li hija l-Qorti Ġenerali li għandha tikkumpensa għall-esklużjoni tal-imsemmi bejgħ billi jitnaqqas l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqhom proporzjonalment għall-esklużjonijiet mis-suq tal-ħġieġ ċatt. Din is-soluzzjoni tkun kompatibbli mal-linji gwida dwar il-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)( a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006 C 210, p. 2, Linji Gwida [tal-2006]) sa fejn hija tippermetti li jiġi riflessa b'mod adegwat il-piż relattiv tal-impriża fis-suq rilevanti u li kien diġà ġie adottat mill-Qorti Ġenerali.

100 Ir-rikorrenti jippreċiżaw li l-Kummissjoni eskludiet EUR biljun ta' "captive sales" fuq volum totali ta' suq ta' EUR 2.7 biljun. Din il-figura li tirriżulta mit-tnaqqis tal-ammont totali ta' bejgħ ta' ħġieġ ċatt ikkunsidrat fid-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri EUR 1.7 biljun (premessa 41

tad-deċiżjoni kkontestata), fl-ammont totali kkunsidrat fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, jiġifieri EUR 2.7 biljun (premessa 41 tad-deċiżjoni kkontestata), u jirrappreżentaw 37 % tal-volum totali ta' valur tas-suq ta' EUR 2.7 biljun.

101 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

102 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tiddependi fuq in-natura tal-att inkwistjoni u fuq il-kuntest li fih ġie adottat. Il-motivazzjoni għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni awtriċi tal-att, b'mod, minn naħa, li l-qorti tal-Unjoni Ewropea tkun tista' teżerċità l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, u min-naħa l-oħra, li l-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda sabiex ikunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom u jivverifikaw jekk id-deċiżjoni hijiex fondata jew le.

103 Ma huwiex rikjest li l-motivazzjoni tispeċifika kull punt ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE għandha tiġi evalwata mhux biss fir-rigward ta' kliemha, iżda wkoll fir-rigward tal-kuntest tagħha kif ukoll fir-rigward tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat [...].

104 F'din il-kawża, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ftehim antikompetittivi jirrigwardaw il-bejgħ ta' ħġieġ ċatt lil klijenti indipendenti (premessa 377 tad-deċiżjoni kkontestata) u għaldaqstant dan il-bejgħ sabiex jiġi kkalkulat l-ammont bażiku tal-multi (premessa 41, tabella Nru 1, u premessa 470 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Kummissjoni, għaldaqstant, eskludiet mill-kalkolu tal-multa l-bejgħ ta' ħġieġ ċatt iddestinat li jiġi ttrasformat minn qsim [diviżjoni] tal-impriża jew minn kumpannija tal-istess grupp. Peress li l-eżistenza ta' aġir antikompetittiv ma ġietx stabbilita għall-bejgħ lil klijenti indipendenti, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li eskludiet mill-kalkolu tal-multa l-bejgħ intern tal-membri tal-akkordju vertikalment integrati. Barra minn hekk, ma jistax isir ilment lill-Kummissjoni ma mmotivatx l-esklużjoni tal-imsemmi bejgħ mill-kalkolu tal-multa.

105 Barra minn hekk, kif sostniet il-Kummissjoni, ma ġiex stabbilit li l-membri tal-akkordju vertikalment integrati li jipprovdu l-prodotti kkonċernati lid-diviżjonijiet tal-istess impriża jew lil kumpanniji li jagħmlu parti mill-istess grupp ta' impriżi jkunu bbenefikaw indirettament miż-żieda fil-prezz miftiehma lanqas li ż-żieda tal-prezzijiet fis-suq upstream tiġi tradotta f'vantaġġ kompetittiv fis-suq downstream għall-ipproċessar ta' ħġieġ ċatt.

106 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument li skontu l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni billi teskludi l-bejgħ intern mill-kalkolu tal-multa, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jew ta' nondiskriminazzjoni jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat […]. F'din il-kawża, sa fejn il-Kummissjoni kkunsidrat li l-arranġamenti antikompetittivi koprew biss il-prezz ta' ħġieġ ċatt mitlub lill-klijenti indipendenti, l-esklużjoni tal-bejgħ intern mill-kalkolu tal-ammont tal-multa fil-każ ta' membri tal-akkordju vertikalment integrati wassalha biss sabiex tittratta sitwazzjonijiet oġġettivament differenti b'mod differenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

107 Konsegwentement, dan il-motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu."

## III – **Fuq l-appell**

9. Guardian u l-Kummissjoni pparteċipaw fil-proċedura bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll fis-seduta li nżammet fit-12 ta' Diċembru 2013.

10. Qabel ma jiġu indirizzati t-tliet motivi invokati minn Guardian, għandha terġa' tiġi diskussa l-kwistjoni proċedurali li nqalgħet f'din il-kawża (wara l-ewwel skambju ta' risposti). Essenzjalment, Guardian argumentat fir-rigward tal-ewwel motiv tagħha li, fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni għall-ewwel darba pproduċiet fid-dibattiti prova tal-effetti tal-kartell fuq il-bejgħ intern. Din il-prova kienet ikkonsistiet f'dikjarazzjoni ta' Saint-Gobain magħmula matul il-proċedura amministrattiva u msemmija fil-punt 37 tar-risposta tal-Kummissjoni. Din kienet intiża sabiex tistabbilixxi li l-prezzijiet tal-bejgħ intra-grupp kienu allinjati ma' dawk iffissati mill-kartell, biex b'hekk tinvalida t-teżi, sa dak iż-żmien difiża mill-Kummissjoni u adottata mill-Qorti Ġenerali, dwar l-assenza ta' prova ta' tali allinjament.

11. It-talba ta' Guardian sabiex titħalla tippreżenta replika fuq dan il-punt ġiet miċħuda. Guardian b'hekk ressqet talba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja intiża sabiex temenda l-appell tagħha fid-dawl ta' dak li fil-fehma tagħha kien fatt ġdid. Dik it-talba wkoll ġiet miċħuda.

12. Fil-fehma tiegħi, biżżejjed jiġi kkonstatat li dan ma kienx jikkonsisti f'fatt ġdid, għaliex Guardian kienet taf sewwa (jew fi kwalunkwe każ setgħet issir taf) bid-dokument ta' Saint-Gobain li fih kienet tinsab dik id-dikjarazzjoni sa mill-istadju tal-proċedura amministrattiva.

13. Fl-ewwel aggravju tagħha, Guardian tallega li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta fil-kalkolu tal-multi imposti lil Asahi/Glaverbel, lil Pilkington u lil Saint-Gobain hija reġgħet naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-bejgħ intern, kif hija kienet għamlet fid-deċiżjoni kkontestata. Fit-tieni aggravju tagħha, Guardian issostni li, meta ddikjarat bħala ammissibbli l-ittra li l-Kummissjoni indirizzatilha fl-10 ta' Frar 2012 (iktar 'il quddiem l-"ittra tal-10 ta' Frar 2012"), il-Qorti Ġenerali kisret ir-Regoli tal-Proċedura tagħha kif ukoll il-prinċipji ta' drittijiet tad-difiża u ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet. Finalment, fit-tielet aggravju tagħha, Guardian targumenta li t-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali ma kienx raġonevoli, fatt li jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq f'terminu raġonevoli. Ser nittratta l-ewwel żewġ aggravji flimkien.

## A – *Fuq l-ewwel u fuq it-tieni aggravju*

14. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Dan huwa indirizzat kontra l-punti 104 sa 106 tas-sentenza appellata.

### 1. L-argumenti tal-partijiet

15. Guardian essenzjalment issostni li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jeħtieġ li għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa, il-bejgħ intern jitqies bħala kumparabbli mal-bejgħ lil terzi indipendenti[4]. Guardian madankollu tenfasizza li hija ma tikkontestax il-legalità tal-esklużjoni tal-bejgħ intern fir-rigward tal-impriżi vertikalment integrati, iżda l-legalità tal-assenza ta' tnaqqis fi proporzjon ekwivalenti tal-multa imposta fuqha.

16. Il-Kummissjoni tirribatti li, fil-punt 105 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għamlet biss sempliċi konstatazzjoni ta' fatt billi indikat — fatt li Guardian ma kkontestatx[5] — li ma huwiex magħruf jekk u sa liema grad il-produtturi tal-ħġieġ ċatt vertikalment integrati bbenefikaw minn vantaġġ kompetittiv fis-suq downstream. Barra minn hekk, Guardian ma wrietx l-eżistenza ta' tali vantaġġ, la fl-ewwel istanza u lanqas fil-istadju ta' dan l-appell (li fi kwalunkwe każ ikun tardiv).

4 — Sentenzi Europa Carton vs Il-Kummissjoni (T-304/94, EU:T:1998:89, punt 117); KNP BT vs Il-Kummissjoni (C-248/98 P, EU:C:2000:625, punt 62, mogħtija fuq appell mis-sentenza KNP BT vs Il-Kummissjoni, T-309/94, EU:T:1998: 91); Lögstör Rör vs Il-Kummissjoni (T-16/99, EU:T:2002:72, punt 360) u Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, (T-71/03, T-74/03, T-87/03 u T-91/03, EU:T:2005:220, punt 260).

5 — Skont il-Kummissjoni, fil-punt 33 tal-appell, l-appellanti ma jikkontestawx il-konstatazzjonijiet *ta' fatt* tal-Qorti Ġenerali, iżda jaffermaw biss li din tal-aħħar applikat regola *ġuridika* żbaljata sabiex tiddetermina r-rilevanza ta' dawk il-konstatazzjonijiet.

## 2. Evalwazzjoni

### a) Il-punti 104 u 105 tas-sentenza appellata

17. Lanqas ma jiena konvint mill-interpretazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni tal-punt 105 tas-sentenza appellata, li nfakkar jgħid hekk: "Barra minn hekk, kif sostniet il-Kummissjoni, ma ġiex stabbilit li l-membri tal-akkordju vertikalment integrati li jipprovdu l-prodotti kkonċernati lid-diviżjonijiet tal-istess impriża jew lil kumpanniji li jagħmlu parti mill-istess grupp ta' impriżi jkunu bbenefikaw indirettament miż-żieda fil-prezz miftiehma lanqas li ż-żieda tal-prezzijiet fis-suq upstream tiġi tradotta f'vantaġġ kompetittiv fis-suq downstream għall-ipproċessar ta' ħġieġ ċatt".

18. Nirrileva li dan il-punt, introdott bil-frażi barra minn hekk, ma jindikax minn min ma ġiex stabbilit li l-membri tal-akkordju vertikalment integrati ibbenefikaw indirettament mill-akkordju.

19. B'hekk huwa b'mod abbużiv li l-Kummissjoni ddeduċiet minn dan il-punt 105 tas-sentenza appellata li dan l-eventwali bbenefikar indirett kellu jintwera minn Guardian.

20. Għandu jingħad ukoll li, fil-punt 104 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali użat ukoll il-passiv sabiex tirrileva li "l-eżistenza ta' aġir antikompetittiv [kienet ġiet stabbilita biss] għall-bejgħ lil klijenti indipendenti", waqt li skont Guardian, il-punt 377 tad-deċiżjoni kkontestata jikkontradixxi dik l-affermazzjoni meta jgħid li l-"arranġamenti kollużivi kienu relatati mal-prezzijiet li kellhom jiġu applikati fir-rigward tal-klijenti indipendenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali], mingħajr madankollu ma jeskludi espressament il-bejgħ intern.

### b) Ir-regola hija li l-bejgħ intern ikun inkluż fid-dħul mill-bejgħ li jservi bħala bażi għall-kalkolu tal-multa

21. Fil-fehma tiegħi, għalkemm skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ksur tal-Artikolu 81(1) KE ma jistax jestendi għar-relazzjonijiet fi ħdan unità ekonomika kkostitwita minn grupp ta' kumpanniji[6], il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[7] timponi wkoll l-ugwaljanza fit-trattament tal-bejgħ intern jew tal-bejgħ intern u tal-bejgħ estern sabiex tiġi evitata kull diskriminazzjoni bejn l-impriżi vertikalment integrati u dawk li ma humiex.

22. L-osservanza ta' din ir-regola hija meħtieġa kemm fuq il-bażi tal-Linji gwida tal-1998[8] kif ukoll fuq il-bażi ta' dawk tal-2006.

23. Fir-rigward tal-kunċett ta' valur tal-bejgħ, il-Linji gwida tal-2006 jispjegaw fil-punti 5 u 6 tal-"[i]ntroduzzjoni" li "[s]abiex jintlaħqu [l]-għanijiet [hawn imsemmija], huwa xieraq li l-Kummissjoni tirreferi, bħala bażi għall-iffissar tal-multi, *għall-valur tal-bejgħ tal-oġġetti jew tas-servizzi relatati mal-ksur*" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u, "[e]ffettivament, il-kombinazzjoni tal-valur tal-bejgħ relatat mal-ksur u tat-tul għandha titqies bħala *valur ta' sostituzzjoni adegwat sabiex jiġu riflessi l-importanza ekonomika tal-ksur kif ukoll il-piż relattiv ta' kull impriża li tipparteċipa fil-ksur. Ir-riferiment għal dawn l-indikaturi jagħti indikazzjoni tajba ta' kemm għandha tkun kbira l-multa u ma għandux jinftiehem bħala l-bażi ta' metodu ta' kalkolu awtomatiku u aritmetiku*" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (enfasi miżjuda minni).

6 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Viho vs Il-Kummissjoni (C-73/95 P, EU:C:1996:405, punti 16 u 17).

7 — Sentenza KNP BT vs Il-Kummissjoni (EU:C:2000:625, punt 62).

8 — Linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skont l-Artikolu 15 (2) tar-Regolament Nru. 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 171, iktar 'il quddiem il-"Linji gwida tal-1998").

24. Sussegwentement, fil-parti "Metodu għall-iffissar tal-multi" [traduzzjoni mhux uffiċjali], taħt "1. Ammont bażiku tal-multa" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u "A. Determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ" [traduzzjoni mhux uffiċjali], hemm spjegat fil-punt 13 li, "[s]abiex jiġi ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa li għandha tiġi imposta, il-Kummissjoni għandha tuża *l-valur tal-bejgħ tal-oġġetti jew tas-servizzi, magħmul mill-impriża, relatat direttament jew indirettament* [[9]] *mal-ksur*, fis-settur ġeografiku kkonċernat fi ħdan it-territorju taż-ŻEE. Normalment, il-Kummissjoni għandha tuża l-bejgħ tal-impriża matul l-aħħar sena kompluta tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur (iktar 'il quddiem il-'valur tal-bejgħ')" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (enfasi miżjuda minni) [10].

25. F'dan ir-rigward, il-konstatazzjoni li saret fil-punt 104 tas-sentenza appellata li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-akkordji antikompetittivi inkwistjoni kienu jirrigwardaw il-bejgħ ta' ħġieġ ċatt lil klijenti indipendenti tinjora l-fatt li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-bejgħ intern għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa huwa indipendenti mill-kwistjoni dwar jekk l-akkordju jirrigwardax espressament klijenti indipendenti jew jekk, b'mod iktar ġenerali, dan jestendix ukoll għall-prezzijiet ta' trasferiment fi ħdan gruppi li jipparteċipaw fl-akkordju.

i) Il-ġurisprudenza

26. Fl-ewwel lok għandu jitfakkar li, anki qabel il-Linji gwida tal-1998, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq id-dħul mill-bejgħ totali magħmul permezz tal-prodott ikkonċernat matul l-aħħar sena tal-akkordju [11].

27. Sussegwentement, ladarba daħlu fis-seħħ il-Linji gwida tal-1998, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-Kummissjoni setgħet taġixxi b'dan il-mod billi ddeċidiet [12] li "għalkemm il-linji gwida [tal-1998] ma jipprevedux li l-ammont tal-multi jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-fatturat [dħul mill-bejgħ] globali jew tal-fatturat rilevanti, dawn ma jipprekludux li l-imsemmija ċifri tal-fatturat jiġu kkunsidrati għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' l-ammont tal-multa kemm-il sabiex jiġu mħarsa l-prinċipji ġenerali tad-dritt [tal-Unjoni] u meta ċ-ċirkustanzi jeżiġu dan".

28. Fil-kawżi li ser neżamina iktar 'il quddiem, nikkonstata li kien dejjem il-parteċipant fl-akkordju vertikalment integrat li kien ikkontesta quddiem il-Qorti Ġenerali jew quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-prattika tal-Kummissjoni li tinkludi l-bejgħ intern tiegħu fid-dħul mill-bejgħ li jservi bħala bażi għall-kalkolu tal-multa.

9 — Nota f'qiegħ il-paġna fil-Linji gwida tal-2006 tippreċiża li "Dan ikun il-każ pereżempju għall-ftehimiet ta' prezzijiet orizzontali li jirrigwardaw prodott partikolari, meta l-prezz ta' dan il-prodott iservi sussegwentement bħala bażi għall-prezz ta' prodotti ta' kwalità superjuri jew inferjuri" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

10 — Ara, pereżempju, de Broca, H., *The Commission revises its Guidelines for setting fines in antitrust cases*, li deher fil-pubblikazzjoni uffiċjali tad-DĠ "Kompetizzjoni" tal-Kummissjoni: Competition Policy Newsletter, Numru 3, Ħarifa 2006, p. 1, li jispjega li "by using a clearer reference to each undertaking's 'value of sales', the 2006 Guidelines intend to reflect, even approximately and imperfectly, the economic importance of the infringement as a whole as well as the relative weight of each undertaking participating in the infringement. The 1998 Guidelines, based on a lump sum system, have often been critici[s]ed on that particular aspect, even though this criticism was largely misplaced. In fact, a number of tools corrected the obvious drawbacks of a pure lump sum system. For instance, the Commission fixed starting amounts below the 20 million euros threshold mentioned in the 1998 Guidelines for very serious infringements taking place on small markets; it also differentiated between undertakings on the basis of their respective size in the market concerned (the so-called 'groupings') [...]. If anything, the 1998 Guidelines rather reflected the insufficient level of fines imposed on 'large' infringements or on large players, something which the 2006 Guidelines will probably correct".

11 — Ara, pereżempju, id-duttrina segwenti: Castillo de la Torre, F., *The 2006 Guidelines on Fines : Reflections on the Commission's Practice*, (2011) 33 World Competition 359 (nota 37): "In the press release relating to the Cement cartel (IP/94/1108), the Commission stated: 'calculation [of fines] is normally based on the Community turnover in the product concerned'. In Cartonboard, the Commission explained the method used: 'fines of a basic level of 9 or 7.5% of the turnover of each undertaking addressed by the decision on the Community cartonboard market in 1990 were imposed on the undertakings regarded as the "ringleaders" of the cartel and on the other undertakings respectively' (Case T-348/94, Enso Española v. Commission [1998] ECR II-1875, para. 247). See also, the calculation of the fine in Steel Beams, in Case T-151/94, British Steel v. Commission [1999] ECR II-629, paras 598–605"

12 — Ara s-sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 209 u l-ġurisprudenza ċċitata), punt 258). Ara wkoll, *inter alia*, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali Schunk u Schunk Kohlenstoff-Technik vs Il-Kummissjoni (T-69/04, EU:T:2008:415, punti 176 u 177); Tomra Systems *et* vs Il-Kummissjoni, (T-155/06, EU:T:2010:370, punt 317) u Ballast Nedam Infra vs Il-Kummissjoni (T-362/06, EU:T:2012:492, punt 122).

29. Effettivament, is-sentenzi Europa Carton vs Il-Kummissjoni (EU:T:1998:89), KNP BT vs Il-Kummissjoni (EU:C:2000:625), KNP BT vs Il-Kummissjoni (EU:T:1998:91) (it-tlieta li huma jikkonċernaw l-akkordju tal-"Kartun"), Lögstör Rör vs Il-Kummissjoni (EU:T:2005:220) (l-akkordju tal-"Pajpijiet pre-insulati") kif ukoll Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni (EU:T:2005:220) (l-akkordju tal-"Grafita speċjali") għandhom bħala karatteristiċi komuni (i) li r-rikorrent kien vertikalment integrat, (ii) li l-bejgħ intern jittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, u (iii) li r-rikorrent kien tal-fehma li dawn kellhom jiġu esklużi.

30. X'kienet ir-risposta tal-Qorti Ġenerali jew tal-Qorti tal-Ġustizzja f'kull waħda minn dawn il-kawżi?

31. Fil-kawża Europa Carton vs Il-Kummissjoni, EU:T:1998:89, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-valur tal-kunsinni interni lil kumpannija, għall-finijiet li jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa, ma kien ipprojbit minn ebda dispożizzjoni testwali. F'dik il-kawża, l-approċċ kien li jiġu eżaminati l-benefiċċji tal-akkordju. Issa, ir-rikorrent ma kienx applika fir-rigward tal-bejgħ intern tiegħu l-prezz ipprattikat fuq il-bażi tal-akkordju (punti 123 u 128).

32. Fil-punt 62 tas-sentenza KNP BT vs Il-Kummissjoni, EU:C:2000:625, il-Qorti tal-Ġustizzja [13] rreferiet għall-punt 128 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali u qablet li "l-fatt li ma jitteħidx inkunsiderazzjoni l-valur tal-kunsinni tal-kartun interni lil Europa Carton ikun iwassal neċessarjament sabiex jingħata vantaġġ, mingħajr ġustifikazzjoni, lill-kumpanniji vertikalment integrati. Il-benefiċċju miksub mill-akkordju jista', f'sitwazzjoni bħal din, ma jiġix ikkunsidrat, u l-impriża inkwistjoni tevita sanzjoni proporzjonata mal-importanza tagħha fis-suq tal-prodotti li huma s-suġġett tal-ksur".

33. Fil-kawża KNP BT vs Il-Kummissjoni, EU:T:1998:91, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li "r-rikorrenti ma [kienet] ipproduċiet ebda prova li tista' turi" li l-Kummissjoni ma kellhiex tieħu inkunsiderazzjoni l-bejgħ intern (punt 112).

34. Finalment, fis-sentenza Lögstör Rör vs Il-Kummissjoni, EU:T:2002:72 (fil-punt 360) u fis-sentenza Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, EU:T:2005:220 (fil-punt 260), il-Qorti Ġenerali rreferiet għas-sentenzi KNP BT vs Il-Kummissjoni, EU:C:2000:625, u Europa Carton vs Il-Kummissjoni, EU:T:1998:89.

ii) Il-linji gwida tal-Kummissjoni

35. Kif fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni [14], din id-darba fir-rigward tal-Linji gwida tal-2006, "[f]l-interess tat-trasparenza, il-Kummissjoni adottat il-Linji Gwida, fejn indikat fuq liema bażi se tikkunsidra tali jew tali ċirkustanza tal-ksur u l-konsegwenzi li jistgħu jinsiltu minnhom fuq l-ammont tal-multa". Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet [15] li "jekk il-metodu ta' kalkolu ta' l-ammont tal-multi li jinsab fil-linji gwida ċertament mhuwiex l-uniku metodu previst, huwa ta' natura li jassigura *prattika deċiżjonali koerenti* dwar imposizzjoni tal-multi, li jippermetti, min-naħa tiegħu, li jiggarantixxi *l-ugwalità ta' trattament* ta' l-impriżi li huma sanzjonati għal ksur tar-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni" (enfasi miżjuda minni).

13 — Ara wkoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo f'dik il-kawża (EU:C:2000:258), li ġew segwiti mill-Qorti tal-Ġustizzja.

14 — C-389/10 P, EU:C:2011:816,, punt 126).

15 — Sentenza Groupe Danone vs Il-Kummissjoni (T-38/02, EU:T:2005:367, punt 523).

36. Il-fatt li f'din il-kawża tqum il-kwistjoni dwar jekk għandux jiġi inkluż jew le l-bejgħ intern fil-dħul mill-bejgħ li jservi bħala bażi għall-kalkolu tal-multa (u dwar il-possibbiltà ta' diskriminazzjoni bejn impriżi skont jekk dawn humiex vertikalment integrati jew le) huwa ċertament marbut mal-applikazzjoni inkonsistenti mill-Kummissjoni tal-Linji gwida tagħha tal-2006 u b'mod iktar partikolari tal-kunċett ta' "valur tal-bejgħ" fil-politika tagħha tal-multi [16] (li tvarja bejn esklużjoni u inklużjoni tal-bejgħ intern fl-imsemmi kunċett u b'hekk tagħti lok għar-riskju ta' inċertezza).

37. Din hija inkonsistenti għaliex, għall-kuntrarju tal-kawżi li ser niċċita iktar 'il quddiem, il-Kummissjoni tinsisti li hemm tabilħaqq kawżi oħrajn bħal din preżenti li fihom il-Kummissjoni ma kkunsidratx il-bejgħ intern fil-kalkolu tal-multi [17]. Issa, apparti l-fatt li dawn id-deċiżjonijiet bilkemm jistabbilixxu li l-bejgħ intern ma ġiex inkluż fil-valur tal-bejgħ tal-prodotturi vertikalment integrati [18], dawn huma wkoll sussegwenti għad-deċiżjoni kkontestata. Fi kliem ieħor, il-prattika tal-Kummissjoni dejjem kienet li tinkludi l-bejgħ intern fid-dħul mill-bejgħ li jservi għall-kalkolu tal-multa, u dan sad-deċiżjoni kkontestata fejn il-Kummissjoni biddlet radikalment l-approċċ tagħha mingħajr ma tat raġuni (u saħansitra mingħajr ebda indikazzjoni [19]).

38. Issa, il-ġurisprudenza [20] timponi interpretazzjoni waħda tal-Linji gwida, bl-eċċezzjoni għall-Kummissjoni li tagħti f'każ partikolari r-raġunijiet kollha għalfejn mhux ser issegwi dik l-interpretazzjoni. Barra minn hekk, qabel l-"innovazzjoni" tad-deċiżjoni kkontestata, il-prattika tal-Kummissjoni kienet tabilħaqq konformi mal-ġurisprudenza kif ukoll mal-Linji gwida.

39. Fid-deċiżjoni tagħha "Servizzi ta' ġarr internazzjonali" [21], il-Kummissjoni tenfasizza "fl-ewwel lok, li l-użu tal-espressjoni 'ta' oġġetti jew servizzi [...] fir-rigward [...] tal-ksur', minflok tal-espressjoni 'oġġetti jew servizzi affettwati' jindika li dan il-punt tal-Linji gwida [...] ma jirreferixxix bħall-bejgħ tal-oġġetti jew tas-servizzi li fir-rigward tagħhom teżisti prova diretta li ġew affettwati mill-ksur. Tali interpretazzjoni tal-imsemmi punt tkun teħtieġ barra minn hekk li l-Kummissjoni, sabiex tiddetermina l-ammont bażiku tal-multa f'każijiet ta' kartell, tagħti prova kull darba ta' liema bejgħ individwali kien affettwat mill-kartell, waqt li l-ġurisprudenza teskludi li għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE], l-effetti konkreti ta' akkordju jittieħdu inkunsiderazzjoni, meta jkun jidher li dan għandu l-iskop li jostakola, li jirrestrinġi jew li joħloq distorzjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni".

16 — Ara f'dan il-kuntest, pereżempju, id-duttrina *The 2006 Guidelines on Fines: Reflections on the Commission's Practice*, iċċitata iktar 'il fuq, fejn jingħad li d-deċiżjoni "Ħġieġ tal-karozzi" "does not deviate from the 2006 Guidelines, but rather applies the concept of sales indirectly or directly related to the infringement to the case at hand».". Effettivament, "much depends on whether the concept of sales 'relating' to the infringement is narrowly or broadly construed" (Kerse, C. S., u Khan, N., *EU Antitrust Procedure*, is-Sitt Edizzjoni, Sweet & Maxwell, Londra, 2012, p. 417). Barra minn hekk, fir-rigward tal-Linji gwida tal-2006 u tal-kunċett tal-valur tal-bejgħ, "[t]he adoption of this new calculation method has somewhat reduced the margin of discretion of the Commission which, in every case, has to take a reasoned position on the sales included in the calculation of the fines. The identification of the goods and services to which the infringement indirectly or directly relates when setting the fine is expected to be a bone of contention in many cases. In several decisions already adopted under the [2006] Fining Guidelines, the determination of the value of the undertaking's sales of goods or services related to the infringement was highly debated [...] [It follows from the Commission's practice] that, in order to determine the basic amount of the fine in cartel cases, the Commission need not provide proof of each occasion on which individual sales were affected by the cartel activities" (Van Bael & Bellis, *Competition Law of the European Community*, Edizzjoni Kluwer Law, il-5 Edizzjoni, p. 1100).

17 — Hija tiċċita d-Deċiżjonijiet tagħha C(2009) 7601 finali tas-7 ta' Ottubru 2009, fil-Każ COMP/39.129, Trasformaturi tal-enerġija, u C(2011) 7436 finali tad-19 ta' Ottubru 2011, fil-Każ COMP/39.605, Ħġieġ għat-tubi tar-raġġi katodiċi.

18 — Li huwa kritikabbli fih innifsu, meta titqies il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il quddiem (fil-punti 62-64 ta' dawn il-konklużjonijiet).

19 — Ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet.

20 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il quddiem (fil-punti 62-64 ta' dawn il-konklużjonijiet).

21 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-11 ta' Marzu 2008, C(2008) 926 finali (Każ COMP/38543 — servizzi ta' ġarr internazzjonali), premessi 532 u 533.

40. L-imsemmija deċiżjoni tkompli tgħid li "[f]it-tieni lok, il-Kummissjoni tikkunsidra li t-terminu 'relatat ma'', li jinsab fil-punt 13 tal-Linji gwida [...], ma jirreferixxix għat-terminu 'bejgħ' iżda pjuttost għat-termini 'oġġetti u servizzi', li jinsabu fl-istess punt. Fi kliem ieħor, dan il-punt għandu jiġi interpretat fis-sens li ladarba l-Kummissjoni tkun stabbilixxiet liema huma l-oġġetti jew is-servizzi relatati direttament jew indirettament mal-ksur, il-valur tal-bejgħ ta' dawn l-oġġetti jew ta' dawn is-servizzi kollha għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa".

41. L-awturi jinterpretaw il-Linji gwida tal-2006 bl-istess mod. Hekk kif jirrileva D. Geradin[22], "fil-prattika, dan ifisser li l-Kummissjoni ma għandhiex tagħti prova ta' kif il-ksur affettwa kull bejgħ individwali, ladarba jkun stabbilit li dan affettwa kategorija sħiħa ta' prodotti jew ta' servizzi. Ir-raġuni hija li l-espressjoni 'relatat [...] mal-ksur' tirreferi għall-'oġġetti jew servizzi' u mhux għall-'bejgħ'".

42. F'dan l-akkordju msejjaħ ta' "servizzi ta' ġarr internazzjonali", il-prattiki li jikkostitwixxu ksur miftiehma mill-parteċipanti fl-akkordju ma kinux ġew applikati għall-kuntratti kollha li huma kienu kkonkludew fis-suq relevanti.

43. Fir-rikors ippreżentat kontra dik id-deċiżjoni[23], il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument li seta' jittieħed inkunsiderazzjoni biss il-valur tal-bejgħ li jirriżulta mill-ġarr li realment kien affettwat mill-prattiki li jikkostitwixxu ksur — u mhux id-dħul mill-bejgħ totali magħmul minn Team Relocations fis-suq Belġjan tas-servizzi ta' ġarr internazzjonali — għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur tal-bejgħ rilevanti ta' Team Relocations fis-sens tal-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006.

44. B'hekk, "il-kliem tal-[punt] 13 tal-Linji gwida tal-2006 jirreferi għall-'bejgħ [...] direttament jew indirettament relatati mal-ksur" u mhux għal "bejgħ affettwat bil-ksur". Il-kliem tal-[punt] 13 għalhekk jirrigwarda l-bejgħ imwettaq fis-suq rilevanti. Fil-fatt, dan jirriżulta wkoll b'mod ċar mill-verżjoni Ġermaniża tal-punt 6 tal-linji gwida tal-2006, li tirreferi għal "Umsatz auf den vom Verstoß betroffenen Märkten" (bejgħ imwettaq fis-swieq ikkonċernati mill-ksur). *A fortiori*, il-punt 13 tal-linji gwida tal-2006 ma japplikax biss għal każijiet fejn il-Kummissjoni jkollha provi tal-ksur" (punt 63 ta' dik is-sentenza).

45. Skont il-punt 64 tal-istess sentenza, "[d]in l-interpretazzjoni hija msaħħa mill-għan tar-regoli [tal-kompetizzjoni tal-Unjoni]. Fil-fatt, l-interpretazzjoni mogħtija minn Team Relocations tfisser li sabiex jiġi ddeterminat l-ammont bażiku tal-multi li għandhom jiġu imposti fil-kawżi dwar akkordji, il-Kummissjoni għandha l-obbligu f'kull każ li tistabbilixxi liema huma l-bejgħ individwali li kienu effettwati mill-akkordju. Tali obbligu qatt ma ġie impost mill-qrati tal-Unjoni u ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li timponi obbligu bħal dan fil-linji gwida tal-2006".

46. Barra minn hekk, "huwa inevitabbli, fil-kawżi dwar l-akkordji, li huma sigrieti min-natura tagħhom, li ċerti dokumenti li jattestaw kull manifestazzjoni tal-prattiki antikompetittivi ma jiġux skoperti [...]" (punt 65).

47. Finalment, skont il-punt 66 tal-istess sentenza, "jirriżulta li l-parti mid-dħul mill-bejgħ minn merkanzija li kienet is-suġġett tal-ksur hija ta' natura li tagħti indikazzjoni ġusta tal-kobor ta' ksur fis-suq ikkonċernat [[24]]. B'mod partikolari, id-dħul mill-bejgħ mwettaq fuq il-prodotti li kienu s-suġġett ta' prattika restrittiva jikkostitwixxi element oġġettiv li jagħti indikazzjoni ġusta tal-ħsara li din il-prattika tagħmel lill-kompetizzjoni [[25]]. Dan il-prinċipju ġie mtenni fil-linji gwida tal-2006".

22 — *The EU Competition Law Fining System: A Reassessment*, (TILEC Discussion Paper, 2011-052) Tilburg: TILEC (traduzzjoni libera).

23 — Sentenza Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, (T-204/08 u T-212/08, EU:T:2011:286, punti 60 sa 68).

24 — Sentenza Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, (100/80 sa 103/80, EU:C:1983:158, punt 121).

25 — Sentenzi British Steel vs Il-Kummissjoni, (T-151/94, EU:T:1999:52, punt 643), u Saint-Gobain Gyproc Belgium vs Il-Kummissjoni, (T-50/03, EU:T:2008:252, punt 84). Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-argument "sussidjarju" ta' Team Relocations, li jgħid li l-valur tal-bejgħ rilevanti ma kellux jinkludi d-dħul mill-bejgħ magħmul fuq il-ġarr ta' individwi, jiġifieri mhux imħallas minn terz inkwantu l-prattiki li jikkostitwixxu ksur ma kinux ġew applikati fir-rigward ta' dak il-ġarr.

48. Dik is-sentenza ġiet ikkonfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[26], li l-punt 76 tagħha jgħid b'mod ċar li l-kunċett ta' "valur tal-bejgħ" ma huwiex limitat għad-"dħul mill-bejgħ magħmul biss mill-bejgħ li fir-rigward tiegħu huwa stabbilit li dan tabilħaqq ġie affettwat mill-[akkordju]"[27]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja (punt 77), tali limitazzjoni "barra minn hekk, għandha l-effett li timminimizza artifiċjalment l-importanza ekonomika tal-ksur imwettaq minn impriża partikolari, peress li s-sempliċi fatt li nstab numru limitat ta' provi diretti tal-bejgħ realment affettwat mill-akkordju finalment iwassal għall-impożizzjoni ta' multa mingħajr rabta reali mal-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju inkwistjoni. Tali premju għas-segretezza jippreġudika wkoll l-għan ta' prosekuzzjoni u ta' sanzjoni effikaċi tal-ksur tal-Artikolu 81 KE u, għaldaqstant, ma jistax jiġi aċċettat". B'hekk (skont il-punt 78 tagħha), "il-Qorti Ġenerali [...] ġustament iddeċidiet, fil-punt 62 tas-sentenza appellata, li minn dan il-[punt 13 tal-Linji gwida tal-2006] ma jirriżultax li għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur tal-bejgħ rilevanti, jista' jittieħed inkunsiderazzjoni biss il-valur tal-bejgħ li jirriżulta mill-ġarr li kien realment affettwat mill-prattiki li jikkostitwixxu ksur". F'dan ir-rigward, hija b'hekk setgħet tibbaża ruħha, mingħajr ma twettaq żball ta' liġi, fil-punt 64 ta' din is-sentenza, fuq l-għan tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, fil-punt 65 ta' din is-sentenza, fuq in-neċessità li titqies in-natura sigrieta tal-akkordji, li f'dan il-każ tirrendi 'effettivament impossibbli li jinsabu provi relatati ma' kull ġarr affettwat', u, fil-punt 66 tal-istess sentenza, fuq il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq"[28].

49. Fil-punt 28 tas-sentenza SGL Carbon vs Il-Kummissjoni (C-564/08 P, EU:C:2009:703 ), li tirrigwarda d-Deċiżjoni 2004/420/KE[29], il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li "[b]arra minn hekk jirriżulta [...] mid-deċiżjoni kkontestata li d-diversi ammonti ta' dħul mill-bejgħ u d-diversi perċentwali ta' partijiet mis-suq, inkluż il-konsum intern, kienu ġew ipprovduti lill-Kummissjoni mill-impriżi kkonċernati"

50. Hija tindika fil-punt 29 ta' dik is-sentenza li "[f]id-dawl ta' dawn l-elementi kollha, il-Kummissjoni spjegat, fil-punti 291 sa 295 tad-deċiżjoni kkontestata, l-inkorporazzjoni tal-konsum intern fil-kalkoli mwettqa. B'hekk, fil-punt 292 tal-imsemmija deċiżjoni, ġie spjegat li huwa essenzjali li jittieħed inkunsiderazzjoni l-valur tal-konsum intern fil-kalkolu tad-dħul mill-bejgħ u tal-partijiet mis-suq, għaliex il-fatt li dan il-valur jiġi injorat neċessarjament jagħti vantaġġ mhux iġġustifikat lill-impriżi vertikalment integrati. Effettivament, fl-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' dan il-valur, il-benefiċċju reali miksub minn dik l-impriża permezz tal-akkordju ma jitteħidx inkunsiderazzjoni, b'mod li dik l-impriża tevita multa proporzjonata mal-importanza tagħha fis-suq tal-prodotti kkonċernati mill-ksur".

51. Il-punt 30 tal-imsemmija sentenza jfakkar "f'dan ir-rigward li r-rilevanza tat-teħid inkunsiderazjoni tal-konsum intern fl-evalwazzjoni tad-dħul mill-bejgħ u tal-partijiet mis-suq f'kuntest bħal dak f'din il-kawża ġiet irrikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha [KNP BT vs Il-Kummissjoni, EU:C:2000:625, punt 62], li minnha jirriżulta li l-fatt li ma jitqiesx il-valur tal-kunsinni interni neċessarjament iwassal sabiex jingħata vantaġġ, mingħajr ġustifikazzjoni, lill-kumpanniji vertikalment integrati fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-benefiċċju li dawk l-impriżi kisbu mill-akkordju".

52. Minn dan isegwi li, mingħajr ma pproduċiet prova li l-bejgħ kollu kien ibbenefika mill-ksur, il-Kummissjoni inkludiet il-bejgħ intern.

26 — Sentenza Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, EU:C:2013:464)..

27 — Id-diċitura sħiħa tal-punt 76: "Minn dan isegwi li l-għan tal-punt 13 tal-Linji gwida [...] huwa li jżomm bħala punt ta' tluq għall-kalkolu tal-multa imposta fuq impriża ammont li jirrifletti l-importanza ekonomika tal-ksur u s-sehem ta' dik l-impriża fil-ksur. Għaldaqstant, għalkemm il-kunċett ta' valur tal-bejgħ imsemmi fil-punt 13 tal-Linji gwida [...] ċertament ma jistax jiġi estiż sabiex ikopri l-bejgħ magħmul mill-impriża inkwistjoni li ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju kkontestat, madankollu jkun qiegħed jiġi ppreġudikat l-għan li dik id-dispożizzjoni trid tilħaq jekk dak il-kunċett kellu jinftiehem bħala li jkopri biss id-dħul mill-bejgħ magħmul permezz tal-bejgħ biss li fir-rigward tiegħu huwa stabbilit li dan ġie realment affettwat minn dan l-akkordju."

28 — Ara wkoll il-punti 85 sa 87 tal-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

29 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-3 ta' Diċembru 2003, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ C.38.359 — Prodotti abbażi ta' karbonju u ta' grafita għal applikazzjonijiet elettriċi u mekkaniċi) (ĠU 2004, L 125, p. 45).

53. Eżempju ieħor ta' din il-prattika tal-Kummissjoni hija d-deċiżjoni Liquid Crystal Displays (iktar 'il quddiem "LCD") tat-8 ta' Diċembru 2010 [30], li fakkret li l-fatt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-bejgħ intern fil-kalkolu tal-"bejgħ affettwat" [traduzzjoni mhux uffiċjali] kien, skont il-Linji gwida tal-2006, neċessarju sabiex jiġi żgurat li "tiġi evitata kull diskriminazzjoni bejn il-kumpanniji integrati vertikalment u l-kumpanniji mhux integrati vertikalment" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [31]. Effettivament, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-parteċipanti fl-akkordju li kienu impriżi vertikalment integrati ma kellhomx jirċievu trattament iktar favorevoli minn dak applikat għall-parteċipanti l-oħrajn.

54. Sussegwentement għar-rikors ippreżentat kontra dik id-deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali [32] ċaħdet *inter alia* l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni inkludiet b'mod żbaljat il-bejgħ tar-rikorrenti fil-kalkolu tal-multa. Skont il-Qorti Ġenerali, mill-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006 ma jirriżultax li għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur tal-bejgħ rilevanti sabiex tiġi ffissata l-multa jista' jittieħed inkunsiderazzjoni biss il-valur tal-bejgħ li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet affettwati realment mill-prattiki li jikkostitwixxu ksur [33] (punt 65). Il-formolazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni tirrigwarda, effettivament, il-bejgħ imwettaq fis-suq rilevanti, jiġifieri dak ikkonċernat mill-ksur. *A fortiori*, l-imsemmi punt jirrigwarda biss il-każijiet li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni għandha provi ddokumentati tal-ksur (punt 66).

55. Il-Qorti Ġenerali tkompli billi tindika li "[d]ik l-interpretazzjoni hija ssostanzjata mill-għan tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Fil-fatt, l-interpretazzjoni proposta mir-rikorrenti tkun tfisser li, sabiex jiġi ddeterminat l-ammont bażiku tal-multi li għandhom jiġu imposti fil-kawżi dwar akkordji, il-Kummissjoni tkun marbuta f'kull każ tistabbilixxi liema huwa l-bejgħ individwali li kien affettwat mill-akkordju. Tali obbligu qatt ma ġie impost mill-qrati tal-Unjoni u ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li timponi obbligu bħal dan fil-Linji gwida tal-2006" (punt 67). "Meta prodott li jkun is-suġġett ta' akkordju jinbiegħ fis-suq intern, ikun hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan dak is-suq u l-Kummissjoni għandha tieħu dan inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ammont tal-multa li hija timponi fuq l-impriża li tkun ibbenefikat minn dak il-bejgħ. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 81 KE huwa intiż sabiex jipproteġi mhux biss l-interessi tal-kompetituri jew tal-konsumaturi, iżda wkoll l-istruttura tas-suq u, b'dan il-mod, il-kompetizzjoni fiha nnifisha" [34] (punt 70). Għaldaqstant, "ma huwiex wisq rilevanti jekk LGE u Philips effettivament ħallsuhomx prezzijiet miżjuda minħabba l-akkordju u jekk huma inkludewx din iż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti finali, li jinkludu l-LCDs suġġetti għall-kartell, li huma biegħu lill-konsumatur Ewropew" (punt 71).

30 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 8761 finali fil-Każ COMP/39.309, premessa 82: "Though both Direct EEA Sales and Direct EEA Sales Through Transformed Products lead to the inclusion of — respectively — sales to related companies and intra-group sales for some of the parties, focusing on the first EEA sale of the product concerned by the infringement — whether transformed or not — to a company that is not part of the supplier undertaking ensures that no discrimination is made between vertically integrated companies and non-vertically integrated companie"; premessa 383: "As concerns Direct EEA Sales Through Transformed Products, the consumer harm inflicted by the cartel arrangements is clearly represented by the value of panels delivered within the transformed products to the final consumer in the EEA"; u finalment il-premessa 394: "in general, as explained in recital 238 with reference to the Cartonboard case, it can be reasonably assumed that an implemented cartel had effects on direct sales through transformed products". L-imsemmija premessa 238 tgħid hekk: "As confirmed by the General Court in [Europa Carton/Commission], even if the higher price resulting from a cartel is not always or not in its entirety passed on to intra-group customers, the competitive advantage deriving from this positive discrimination does foreseeably influence competition on the market […] Intra-group sales of LCD panels — in as far as they ended up into transformed products sold in the EEA — are therefore to be taken into account, just like intra-cartel sales in the EE".

31 — [Traduzzjoni libera]. Wieħed jista' jinnota f'dan ir-rigward li fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 3043, tal-25 ta' Ġunju 2008, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (COMP/39.180 — Florur tal-Aluminjum) (li wasslet għas-sentenza ICF vs Il-Kummissjoni, T-406/08, EU:T:2013:322, u sussegwentement għall-Kawża C-467/13 P, attwalment pendenti), il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kwistjoni dwar jekk il-bejgħ intern kienx ittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġu kkalkolati l-valur tal-bejgħ u l-multa finali ma kinitx rilevanti.

32 — Sentenza LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (T-128/11, EU:T:2014:88, punti 60 *et seq.*). Ara wkoll is-sentenza InnoLux vs Il-Kummissjoni (T-91/11 EU:T:2014:92).

33 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Putters International vs Il-Kummissjoni (T-211/08, EU:T:2011:28, punt 58).

34 — Sentenzi T-Mobile Netherlands *et* (C-8/08, EU:C:2009:343,, punt 38) u GlaxoSmithKline Services *et* vs Il-Kummissjoni *et* (C-501/06 P, C-513/06 P, C-515/06 P u C-519/06 P, EU:C:2009:610, punt 63.

56. Huwa biss fuq bażi sussidjarja li l-Qorti Ġenerali tikkonstata li jirriżulta wkoll "mill-proċess li l-bejgħ ta' LCDs suġġetti għall-kartell lill-klijenti li għandhom rabta mal-parteċipanti fl-akkordju kienu s-suġġett ta' diskussjonijiet fil-kuntest tiegħu" (punti 73 sa 89). Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-kwistjoni determinanti ma hijiex jekk il-bejgħ inkwistjoni sarx bi prezzijiet influwenzati mill-akkordju, iżda l-fatt li dan sar f'suq affettwat mill-eżistenza ta' akkordju, li fih ipparteċipaw ir-rikorrenti (punt 97).

57. Fid-deċiżjoni li tikkonċerna l-akkordju dwar "l-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju"[35], kien tqajjem l-argument li ċerti prodotti speċjali ma kinux koperti mill-akkordju u kellhom jiġu esklużi mill-valur tal-bejgħ. Il-Kummissjoni ċaħdet dak l-argument: anki jekk nassumu li l-lista ta' prezzijiet speċjali ("special price list") qatt ma kienet, direttament jew indirettament, is-suġġett ta' diskussjonijiet dwar il-prezzijiet matul il-laqgħat bejn il-parteċipanti fl-akkordju, il-bejgħ assoċjat ma' dik il-lista kien affettwat mill-ksur, għaliex dawk il-prezzijiet "speċjali" wisq probabbli kienu ffissati b'riferiment għall-prezzijiet "standard"[36].

58. Fir-rikors ippreżentat kontra l-imsemmija deċiżjoni (T-373/10, T-374/10, T-382/10 u T-402/10[37]), il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-ħames motiv, ibbażat fuq l-inklużjoni ta' bejgħ mhux affettwat mill-ksur fil-kalkolu tal-ammont tal-multa, bħala infondat. Hija kkunsidrat li "huwa b'mod konformi mal-[punt] 13 tal-Linji gwida tal-2006 li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-bejgħ ta' prodotti lill-bejjiegħa bl-ingrossa fit-totalità tagħhom, peress li l-imsemmi bejgħ kien affettwat kollu direttament jew indirettament mill-ksur inkwistjoni. L-argument imressaq mir-rikorrenti, li jgħid li l-Kummissjoni ma għandhiex setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-dħul mill-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, għandu jiġi miċħud peress li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward".

59. Huwa interessanti wkoll li wieħed jinnota dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fl-akkordju tat-"tubi industrijali tar-ram" fil-Kawża T-127/04[38], li s-sentenza tagħha ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza C-272/09 P[39]. Il-Qorti Ġenerali vverifikat jekk kienx b'mod żbaljat li l-Kummissjoni kienet ħadet inkunsiderazzjoni l-prezz tar-ram meta evalwat id-daqs tas-suq affettwat. Ir-rikorrenti jallegaw f'dan ir-rigward, min-naħa waħda, li l-prezz tar-ram ma kienx jaqa' taħt il-kontroll tal-manifatturi ta' tubi industrijali peress li dan kien iffissat skont l-LME[40] u, min-naħa l-oħra, li huma x-xerrejja ta' tubi industrijali li jiddeċiedu huma stess b'liema prezz jinxtara l-metall. Ir-rikorrenti jenfasizzaw ukoll li l-varjazzjonijiet fil-prezz tal-metall ma għandhom l-ebda effett fuq il-qligħ tagħhom. Madankollu, skont il-Qorti Ġenerali, "[g]ħandu jiġi kkonstatat li ebda raġuni valida ma timponi li d-dħul mill-bejgħ ta' suq rilevanti jkun ikkalkolat billi jiġu esklużi ċerti spejjeż ta' manifattura. Kif ġustament irrilevat il-Kummissjoni, fis-setturi industrijali kollha jeżistu spejjeż inerenti għall-prodott finali li l-manifattur ma jistax jikkontrolla, imma li xorta waħda jikkostitwixxu element essenzjali tal-attivitajiet kollha tiegħu u li, għaldaqstant, ma jistgħux jiġu esklużi mid-dħul mill-bejgħ

35 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu [81 KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.092 — Installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju).

36 — Fuq din il-kwistjoni, ara wkoll Kerse. C.S., u Khan N., p. 412 sa 419.

37 — Sentenza Villeroy & Boch Austria *et* vs Il-Kummissjoni (EU:T:2013:455, punti 335 *et seq.*); per eżempju l-punt 342: "għandu jiġi kkonstatat li dawn ma jistabbilixxux li l-koordinazzjoni tal-prezz tal-bejgħ lill-bejjiegħa bl-ingrossa skont l-imsemmija skali tal-prezzijiet netti kienet mingħajr ebda effett fuq l-iffissar tal-iskali oħrajn tal-prezzijiet. Kif tosserva l-Kummissjoni fin-noti tagħha mingħajr ma tressqu argumenti jew mingħajr ma ġew prodotti provi kuntrarji mir-rikorrenti, l-iskali tal-prezzijiet netti applikati għall-bejgħ ta' prodotti lill-bejjiegħa bl-ingrossa li huma s-suġġett ta' koordinazzjoni kienu ta' natura li jservu bħala skala ta' referenza għall-manifatturi ta'installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju meta dawn tal-aħħar kienu jbiegħu lill-bejjiegħa bl-ingrossa l-prodotti tagħhom li ma kinux intiżi għaċ-ċirkwit ta' distribuzzjoni fi tliet stadji". Ara wkoll is-sentenzi Keramag Keramische Werke *et* vs Il-Kummissjoni, (T-379/10 u T-381/10, EU:T:2013:457), Rubinetteria Cisal vs Il-Kummissjoni (T-368/10, EU:T:2013:460) ("Installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju") kif ukoll Parker ITR u Parker-Hannifin vs Il-Kummissjoni (T-146/09, EU:T:2013:258) ("Manek marittimi").

38 — Sentenza KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (EU:T:2009:142, punti 89-91).

39 — Sentenza KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2011:810).

40 — ? The London Metal Exchange (Il-Borża tal-metall ta' Londra).

tiegħu meta jiġi ffissat l-ammont inizjali tal-multa [41]. Il-fatt li l-prezz tar-ram jikkostitwixxi parti sinjifikattiva mill-prezz finali tat-tubi industrijali jew li r-riskju ta' fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet tar-ram huwa ħafna għola milli għal materji primi oħra ma jdgħajjifx din il-konklużjoni". Għandu jingħad ukoll li għalkemm f'dik il-kawża l-multa ġiet imposta abbażi tal-Linji gwida tal-1998, l-approċċ tal-Qorti Ġenerali jibqa' rilevanti fid-dawl tal-Linji gwida tal-2006, inkwantu l-multa hija bbażata fuq il-valur globali tas-suq rilevanti.

60. Finalment, fid-Deċiżjoni COMP/39.125 "Ħġieġ tal-karrozzi" [42], il-Kummissjoni aċċettat biss bħala bejgħ rilevanti għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa l-bejgħ tal-fornituri tal-ħġieġ lill-manifatturi tal-karrozzi li fir-rigward tiegħu kienu jeżistu provi diretti ta' akkordju. Dan il-punt ġie rrilevat ukoll minn Team Relocations fis-sentenza Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, EU:T:2011:286. Madankollu, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-premessa 663 tad-deċiżjoni "Ħġieġ tal-karrozzi", li l-Kummissjoni kienet telqet mill-prinċipju li l-fatt li provi speċifiċi ma humiex disponibbli għal kull diskussjoni li kkonċernat il-"kontijiet tal-vetturi" [traduzzjoni mhux uffiċjali] ma kienx jillimita d-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ sempliċement għall-kontijiet li għalihom kien hemm provi diretti, peress li l-prattiki miftiehma huma, min-natura tagħhom, ftehimiet sigrieti u l-provi jibqgħu inkompleti fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, jekk mhux fil-każijiet kollha [43]. Għalkemm, sussegwentement il-Kummissjoni kkwalifikat dan il-prinċipju fil-premessi 664 sa 667 ta' din id-deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li hija għamlet dan biss għal żewġ perijodi eċċezzjonali fil-bidu u fl-aħħar tal-perjodu ta' ksur, għaliex hija ssupponiet li, matul dawn il-perijodi, il-fornituri tal-ħġieġ tal-karrozzi kienu biddlu l-offerti tagħhom biss fir-rigward ta' numru ta' kontijiet kbar. B'hekk, skont il-Qorti Ġenerali, l-approċċ segwit mill-Kummissjoni fl-imsemmija deċiżjoni ma kienx imur kontra dak applikat fid-deċiżjoni "servizzi ta' ġarr internazzjonali".

61. Dan premess, il-Kummissjoni seta' kellha raġunijiet tajbin sabiex ma ssegwix il-linji gwida tagħha f'din il-kawża?

62. Għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kienet iddeċidiet [44], "f'sentenza dwar miżuri ta' ordni interna adottati mill-amministrazzjoni, li, għalkemm ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala regola ta' dritt li l-amministrazzjoni hija obbligata tosserva f'kull każ, dawn madankollu jikkostitwixxu regola ta' kondotta indikattiva tal-prattika li għandha tiġi segwita li l-amministrazzjoni ma tistax titbiegħed minnha, f'każ partikolari, mingħajr ma tagħti raġunijiet li jkunu kumpatibbli mal-prinċipju ta' trattament ugwali. Dawn il-miżuri jikkostitwixxu att ta' natura ġenerali li l-uffiċċjali u l-aġenti kkonċernati jistgħu jinvokaw l-illegalità tiegħu insostenn ta' rikors ippreżentat kontra deċiżjonijiet individwali meħuda fuq il-bażi tagħhom"

63. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ukoll li "[d]in il-ġurisprudenza tapplika *a fortiori* għar-regoli ta' kondotta intiżi sabiex jipproduċu effetti esterni, bħal ma huwa l-każ tal-linji gwida li huma intiżi għal operaturi ekonomiċi". Barra minn hekk, "[p]eress li adottat dawn ir-regoli ta' kondotta u peress li stqarret permezz tal-pubblikazzjoni tagħhom li hija kienet ser tapplikahom minn hemm 'il quddiem għall-każijiet li jaqgħu taħthom, l-istituzzjoni in kwistjoni għamlet restrizzjoni fuqha nnifisha fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' diskrezzjoni tagħha u ma tistax tmur kontra dawn ir-regoli mingħajr ma

41 — Il-Qorti Ġenerali tirreferi hawnhekk għas-sentenza tagħha tal-15 ta' Marzu 2000, Cimenteries CBR *et* vs Il-Kummissjoni, T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, EU:T:2000:77, punti 5030 u 5031).

42 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 6815 finali, tat-12 ta' Novembru 2008, li sommarju tagħha ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-25 ta' Lulju 2009 (ĠU C 173, p. 13).

43 — Premessa 663: "the fact that specific evidence is not available for each and every discussion that took place on the respective car accounts within the overall arrangements does not limit the determination of the relevant value of sales to only those accounts for which such specific evidence is available".

44 — Ara s-sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, EU:C:2005:408 (punt 209 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenzi Fuji Electric vs Il-Kummissjoni (T-132/07, EU:T:2011:344, punt 235) u (għal-linji gwida tal-2006) Denki Kagaku Kogyo u Denka Chemicals vs Il-Kummissjoni (T-83/08, EU:T:2012:48, punt 107).

ssib ruħha li qed tikkommetti ksur, skond il-każ, tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, bħal dawk tat-trattament ugwali jew tal-protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi. Għalhekk ma jistax jiġi prekluż li, taħt ċerti kundizzjonijiet u skond il-kontenut tagħhom, dawn ir-regoli ta' kondotta li għandhom portata ġenerali jista' jkollhom effetti ġuridiċi"[45].

64. Barra minn hekk, kif diġà kkonfermat il-Qorti Ġenerali[46], "għalkemm il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali f'dak li jirrigwarda l-iffissar ta' l-ammont ta' kull multa, mingħajr ma hija marbuta tapplika xi formula matematika preċiża [[47]], hija ma tistax tinjora r-regoli li hija imponiet fuqha nfisha [[48]]. Peress li l-linji gwida jikkostitwixxu strument intiż sabiex jiddefinixxi, fir-rispett tal-liġijiet ta' natura superjuri, il-kriterji li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni tapplika fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha fl-iffissar tal-multi, il-Kummissjoni għandha effettivament tikkunsidra t-termini tal-linji gwida meta tkun qiegħda tiffissa l-ammont tal-multi, b'mod partikolari ta' l-elementi li skond il-linji gwida huma mandatorji [[49]]".

65. F'din il-kawża, il-Kummissjoni mhux biss ma segwietx mingħajr raġuni l-linji gwida tagħha u l-interpretazzjoni li kienet tat hija stess, iżda fir-rigward tal-kawża Europa Carton vs Il-Kummissjoni, EU:T:1998:89, pereżempju, hija qalbet kompletament l-argument tagħha!

66. Effettivament, f'din il-kawża, il-Kummissjoni qatt ma allegat jew ippreżumiet li ż-żidiet ġenerali fil-prezzijiet miftiehma mill-membri tal-akkordju kienu effettivament applikati għall-bejgħ intern fi ħdan l-istrutturi proprji tagħhom. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni argumentat quddiem il-Qorti Ġenerali li "r-rikorrenti [kienet] ikkummerċjalizzat kaxxi li jintwew immanifatturati abbażi tal-prodotti kkonċernati mid-deċiżjoni. Hija b'hekk ibbenefikat minn vantaġġ kompetittiv illegali, peress li hija ma [setgħetx] tafferma serjament li kienet iffatturat it-transazzjonijiet interni għall-grupp bil-prezzijiet eċċessivi ffatturati mill-akkordju. B'hekk, hija kisbet benefiċċju, b'xi mod jew ieħor, mill-bejgħ tal-prodotti li kienu s-suġġett tal-akkordji kollużivi. Għaldaqstant, ma jkunx iġġustifikat li ma jittieħidx inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ imsejjaħ "intern". Il-fatt li tiġi aċċettata l-pożizzjoni tar-rikorrenti iwassal għall-għoti ta' trattament favorevoli mhux iġġustifikat lill-produtturi integrati". Barra minn hekk, ikun "impreċiż jekk jiġi sostnut li ma ġie magħmul ebda dħul mill-bejgħ permezz tal-prodotti tal-kartun inkwistjoni għaliex dawn intużaw għall-produzzjoni ta' kaxxi li jintwew li nħarġu fis-suq" (punti 117 u 118 tal-imsemmija sentenza).

67. Il-Qorti Ġenerali, minn naħa tagħha, iddeċidiet li "il-fabbriki li jimmanifatturaw il-kaxxi li jintwew tar-rikorrenti, jiġifieri r-rikorrenti nfisha, ibbenefikaw mill-akkordju billi użaw, bħala materja prima, il-kartun li hija stess ipproduċiet. *Fil-fatt, għall-kuntrarju tal-kompetituri involuti fl-ipproċessar, ir-rikorrenti ma kellhiex tbati ż-żidiet fl-ispejjeż ikkawżati miż-żidiet fil-prezzijiet deċiżi b'mod miftiehem.*" (punt 127 ta' dik is-sentenza; enfasi miżjuda minni).

68. Fil-fehma tiegħi, dak l-approċċ jikkorrispondi għar-realtà ekonomika sottostanti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża KNP BT vs Il-Kummissjoni, EU:C:2000:625 (punt 62), għaliex, bħal ma rrikonoxxiet essenzjalment il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kumpanniji integrati vertikalment jistgħu jiksbu benefiċċji sussegwenti mill-prezzijiet tal-akkordju pprattikati preċedentement.

45 — *Ibidem*, punti 210 u 211 rispettivament.

46 — Sentenza Daiichi Pharmaceutical vs Il-Kummissjoni (T-26/02, EU:T:2006:75, punt 49).

47 — Ara, pereżempju, is-sentenza Martinelli vs Il-Kummissjoni (T-150/89, EU:T:1995:70, punt 59).

48 — Ara, b'analoġija, is-sentenza Hercules Chemicals vs Il-Kummissjoni (T-7/89, EU:T:1991:75, punt 53), ikkonfermata, fuq appell, bis-sentenza Hercules Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-51/92 P, EU:C:1999:357).

49 — Sentenza, JFE Engineering *et* vs Il-Kummissjoni (T-67/00, T-68/00, T-71/00 u T-78/00, EU:T:2004:221, punt 537).

69. Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni qalbet kompletament il-proċess. Għalkemm fil-prinċipju hija kien imissha inkludiet il-bejgħ intern fid-dħul mill-bejgħ li jservi bħala bażi għall-kalkolu tal-multa ħlief jekk tinġieb il-prova tal-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali jew speċjali sabiex ma tagħmilx dan, hija eskludiethom għar-raġuni li ma ġiex stabbilit jew għar-raġuni li hija stess (jew Guardian?) ma kinitx tat prova li dak il-bejgħ intern kien ikkontribwixxa għall-vantaġġ kompetittiv maħluq mill-akkordju.

70. Fi kliem ieħor, minkejja l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali kif ukoll il-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni indikati hawn fuq (u minkejja li l-idea tal-Linji gwida tal-2006 kienet ġustament li l-analiżi tiġi ffukata mill-ġdid fuq is-suq rilevanti), il-Kummissjoni eskludiet il-bejgħ intern mingħajr ma pprovdiet l-inqas raġuni għal dik l-esklużjoni [50].

71. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonfermat id-deċiżjoni kkontestata sa fejn din eskludiet il-bejgħ intern mid-dħul mill-bejgħ mingħajr ebda raġuni.

c) Peress li ċerti parteċipanti fl-akkordju biss kienu vertikalment integrati, l-esklużjoni tal-bejgħ intern tagħhom toħloq diskriminazzjoni fir-rigward ta' dawk li ma kinux?

72. Xejn ma jżomm lill-Kummissjoni milli tapplika koeffiċjent ta' tnaqqis tas-sanzjoni jekk hija jidhrilha li dan ikun iġġustifikat sabiex tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità.

73. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni madankollu ma tistax tikser prinċipji ġenerali oħrajn, jiġifieri l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li jistabbilixxi li sitwazzjonijiet kumparabbli ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx iġġustifikat oġġettivament [51]. Meta l-Kummissjoni ssostni f'din il-kawża li hija ttrattat lill-parteċipanti kollha fl-akkordju bl-istess mod (billi eskludiet il-bejgħ intern), hija tinsa li fost l-erba' parteċipanti fl-akkordju, Guardian biss ma kinitx vertikalment integrata.

74. It-tnaqqis tas-sanzjoni mwettaq mill-Kummissjoni billi eskludiet il-bejgħ intern mid-dħul mill-bejgħ li jservi bħala bażi għall-kalkolu tal-multa b'hekk għandu l-effett li "jagħti vantaġġ mingħajr ġustifikazzjoni lill-kumpanniji vertikalment integrati" [52]. Huma b'hekk jistgħu "[jevitaw] sanzjoni proporzjonata mal-importanza [tagħhom] fis-suq tal-prodotti li huma s-suġġett tal-ksur" [53]. Effettivament, b'hekk il-kumpanniji vertikalment integrati jirċievu sanzjoni li, bħala valur relattiv, ma tirriflettix il-kapaċità tagħhom li joħolqu distorzjoni tal-kompetizzjoni u li b'hekk jibbenefikaw minn dak il-ksur.

75. Dan l-approċċ, b'hekk joħloq diskriminazzjoni għad-detriment tal-impriżi li ma humiex vertikalment integrati, f'dan il-każ Guardian.

50 — Jista' jiġi osservat hawnhekk li, b'mod stramb, fil-proċedura amministrattiva, it-trattament tal-bejgħ intern la ġie indirizzat fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u lanqas matul is-seduta orali. Daqs li kieku kien preżunt f'dan il-mument li l-bejgħ intern kellu jiġi inkluż. B'hekk għandu jingħad li, fid-deċiżjoni kkontestata li għandha 541 premessa, "ebda" waħda minnhom ma hija ddedikata għall-ġustifikazzjoni tal-esklużjoni tal-bejgħ intern, li tidher bħala prova ta' kalkolu meta tiġi ffissata l-multa. Jista' jiġi osservat ukoll li: (i) skont Guardian, il-Kummissjoni ddeċidiet fl-aħħar minuta li tbiddel l-opinjoni tagħha dwar il-bejgħ intern; u (ii) skont l-artiklu ta' duttrina ppubblikat minn aġent tal-Kummissjoni (*The 2006 Guidelines on Fines : Reflections on the Commission's Practice*, iċċitat iktar 'il fuq, p. 369 u n-nota 56): "There is no consolidated practice as regards 'captive sales', and it would appear that the Commission will assess the specific circumstances of the case in order to decide whether to take them into account or not [...] [the captive sales] were finally excluded in Flat Glass" (enfasi miżjuda minni).

51 — Ara, pereżempju, is-sentenza Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-550/07 P, EU:C:2010:512, punti 54 u 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 — Ara s-sentenza KNP BT vs Il-Kummissjoni, EU:C:2000:625 ( punt 62).

53 — *Idem*

76. Bħala sempliċi kumment, jirriżulta mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja li Guardian ġiet imposta l-ikbar sanzjoni minkejja l-fatt li hija l-iżgħar mill-erba' produtturi fiż-żona ŻEE. Is-sehem tagħha mill-kapaċità Ewropea ta' ħġieġ ċatt jirrappreżenta biss 13 %, ferm inqas minn Saint-Gobain (25 %), Pilkington (24 %) u Glaverbel (20 %) [54]. Il-dħul mill-bejgħ dinji magħmul fuq il-livell tal-grupp Guardian ġie stabbilit fl-2004 għal EUR 3.878 biljun, filwaqt li dak ta' Saint-Gobain kien tmien darbiet iktar (EUR 32.02 biljun), dak ta' Asahi/Glaverbel kważi tliet darbiet iktar u dak ta' Pilkington kien ammont kumparabbli għal dak ta' Guardian, qabel l-akkwist sussegwenti tagħha minn Nippon Sheet Glass [55].

77. Nosserva wkoll li l-esklużjoni tal-bejgħ intern wassal għat-tnaqqis tad-dimensjoni globali tas-suq rilevanti minn EUR 2.7 biljun għal EUR 1.7 biljun, li wassal sabiex jiġi mmodifikat b'mod ferm sostanzjali, fuq il-livell tal-valur tal-bejgħ, il-piż relattiv ta' kull impriża kkonċernata fl-akkordju, kriterju impost mil-Linji gwida tal-2006.

78. Finalment, ma narax b'liema mod, kif jindika l-punt 106 tas-sentenza appellata, il-gruppi vertikalment integrati jinsabu f'sitwazzjoni oġġettivament differenti mill-impriżi mhux integrati, għaliex l-akkordju jikkonċerna biss il-prezzijiet ipprattikati fir-rigward ta' klijenti indipendenti. Effettivament, x'inhi r-rilevanza tad-differenza fl-istruttura tal-impriżi fil-kuntest tal-kalkolu tal-multa? L-uniċi fatturi rilevanti effettivament huma dawk intiżi sabiex jirriflettu l-gravità u t-tul tal-ksur (fatt li huwa kkonfermat mill-kliem tar-Regolament Nru 1/2003 [56]) u l-piż relattiv fis-suq rilevanti tal-parteċipanti fl-akkordju sabiex is-sanzjoni tingħata natura proporzjonata u disważiva.

79. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni lmentat matul is-seduta li l-obbligu tagħha li dejjem tieħu inkunsiderazzjoni l-bejgħ intern għall-kalkolu tal-multa, kien iwassal għal żieda kbira fil-multi imposti fuq il-gruppi vertikalment integrati li jipparteċipaw f'akkordji. Biżżejjed jingħad li l-effett ta' amplifikazzjoni tal-multi għall-gruppi vertikalment integrati jirriżulta mill-għażla tal-leġiżlatur tal-Unjoni li juża, għall-kalkolu tal-multi. il-kunċett ta' dħul mill-bejgħ iktar milli dawk tar-riżultat operattiv jew tal-profitt [57].

80. Jirriżulta minn dak li ntqal hawn fuq li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma rrikonoxxitx l-ksur tal-ugwaljanza fit-trattament bejn id-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata. B'hekk, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

d) Kif għandha tiġi rrimedjata din id-diskriminazzjoni?

81. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar, f'każ ta' annullament ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tista' jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali. Jiena tal-fehma li l-kawża tinsab fi stat li tista' tiġi deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja.

82. Guardian hija l-uniku produttriċi mhux integrata kkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata u b'hekk l-unika impriża li ma bbenefikatx mit-tnaqqis tal-multi li jirriżulta mill-esklużjoni tal-bejgħ intern, li minnu bbenefikaw id-destinatarji l-oħrajn ta' din id-deċiżjoni.

54 — Ara "Pilkington et l'industrie du verre plat 2006", p. 5, iċċitat fid-deċiżjoni kkontestata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36.

55 — Fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, kien indikat li l-parti mis-suq ta' Guardian kienet stabbilita għal 10-20 % (15.7 % hija r-rata eżatta jekk wieħed jibbaża ruħu fuq dimensjoni globali tas-suq ta' EUR 1.7 biljun), iżda din il-parti tammonta kważi għal 25 % fid-deċiżjoni kkontestata minħabba l-esklużjoni tal-bejgħ intern għat-tliet parteċipanti l-oħrajn fl-akkordju.

56 — Peress li l-Artikolu 23(3) jipprovdi biss dan li ġej "[f]it-twaħħil ta' l-ammont li jrid jiġi mmultat, rigward irrid jingħata lejn il-gravità u it-tul tal-ksur", l-ammont huwa b'mod ċar suġġett għal-limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ totali tal-impriża li tipparteċipa fil-ksur magħmul matul is-sena finanzjarja preċedenti (Artikolu 23(2) ta' dak ir-regolament( (ara f'dan ir-rigward il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża YKK *et* vs Il-Kummissjoni (C-408/12 P, attwalment pendenti), ippreżentati fit-12 ta' Frar 2014).

57 — Dan premess, skont il-Linji gwida tal-2006, il-Kummissjoni tista' tidderoga mir-regoli stabbiliti fihom kemm-il darba hija timmotiva d-deċiżjoni tagħha b'mod adegwat.

83. B’mod ċar, wieħed ma jistax jinkludi l-bejgħ intern tad-destinatarji l-oħrajn tad-deċiżjoni kkontestata u jżid il-multi tagħhom, għaliex huma ma ppreżentawx rikors kontra d-deċiżjoni kkontestata li saret definittiva fil-konfront tagħhom [58].

84. B’hekk għandu jiġi deċiż jekk id-diskriminazzjoni tistax allura tiġi eliminata bi tnaqqis tal-multa imposta fuq Guardian b’mod li jirrifletti t-tnaqqis globali tal-multi imposti fuq l-impriżi l-oħrajn permezz tal-esklużjoni tal-bejgħ intern tagħhom.

85. Fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni opponiet din il-possibbiltà għar-raġuni doppja li l-multi ma jkunux iktar ikkalkolati bl-istess mod għall-parteċipanti kollha, u li l-multa ta’ Guardian ma tibqax disważiva biżżejjed fir-rigward tal-gravità tal-aġir tagħha.

86. Jien ma naqbilx mal-Kummissjoni. Għall-kuntrarju naqbel mas-soluzzjoni li adottat il-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha JFE Engineering vs Il-Kummissjoni [59].

87. Minflok ma żiedet il-multi imposti fuq il-manifatturi Ewropej, hija naqqset il-multi imposti fuq il-manifatturi Ġappuniżi, minkejja l-fatt li kkonstatat li l-Kummissjoni kienet issottovalutat il-portata tal-parteċipazzjoni tal-manifatturi Ewropej fil-ksur. Il-Qorti Ġenerali rrinunzjat għas-soluzzjoni (iktar loġika f’dan il-każ) li żżid il-multa tal-kategorija ffavorita inġustament għaliex il-Kummissjoni kienet semmiet il-possibbiltà ta’ dik iż-żieda biss matul is-seduta u l-partijiet ikkonċernati ma kinux ġew mistiedna jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar dan is-suġġett. Dan huwa wisq iktar il-każ f’din il-kawża fejn hija eskluża kull possibbiltà li tiġi mmodifikata l-multa imposta fuq il-parteċipanti l-oħrajn fl-akkordju bl-eċċezzjoni ta’ dik imposta fuq Guardian.

88. Barra minn hekk, il-fatt li ma għadux possibbli li jitħassar il-fatt li ħoloq inugwaljanza fit-trattament ma jfissirx li d-drittijiet tal-vittma ma jistgħux jiġu protetti.

89. B’hekk, fir-rigward tas-servizz pubbliku, pereżempju, meta, wara rikors, eżami ta’ kompetizzjoni ġenerali jiġi annullat, id-drittijiet tal-kandidati leżi għandhom jiġu stabbiliti mill-ġdid iżda mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu kkontestati r-riżultati kollha tal-kompetizzjoni u mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu ppreġudikati l-aspettattivi leġittimi tal-kandidati li għaddew mill-kompetizzjoni [60]. F’sitwazzjoni ta’ din ix-xorta, il-ġurisprudenza dwar is-servizz pubbliku teżiġi li l-qorti tfittex soluzzjoni ġusta u din il-kawża titlob risposta simili.

e) Konklużjoni intermedjarja

90. B’hekk, sabiex tiġi kkoreġuta d-diskriminazzjoni, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tikkumpensa l-esklużjoni tal-bejgħ intern billi tnaqqas l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuq Guardian fuq bażi *pro rata* mal-bejgħ intern fis-suq rilevanti. Din is-soluzzjoni hija barra minn hekk kumpatibbli mal-Linji gwida tal-2006, inkwantu din tippermetti li jiġi rifless b’mod xieraq il-piż relattiv tal-impriża fis-suq relevanti, u diġà ġiet adottata mill-Qorti Ġenerali fil-ġurisprudenza tagħha [61].

58 — Jista’ jiġi osservat li, kieku l-bejgħ intern kien inkluż fil-valur tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni, l-ammont totali tal-multi kien jitla’ għal madwar EUR 759.9 miljun, b’multa partikolarment għolja ta’ madwar EUR 335.4 miljun għal Saint-Gobain. Ir-risposta tal-Kummissjoni għad-domandi tal-Qorti Ġenerali tagħti x’jinftiehem li, fid-data meta ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, żieda fl-ammont totali tal-multi imposti fuq il-parteċipanti l-oħrajn kienet tkun “sproporzjonata”, b’mod partikolari għal ksur ta’ tul qasir. F’dan ir-rigward, huwa interessanti li wieħed jinnota li multa oħra ta’ EUR 896 miljun għall-akkordju tal-“Ħġieġ tal-karrozzi” kienet ġiet imposta fuq Saint-Gobain fl-2008, fil-kawża -Ħġieġ tal-karrozzi. B’deċiżjoni tat-28 ta’ Frar 2013, il-Kummissjoni naqqset il-multa ta’ Saint-Gobain għal EUR 880 miljun u dik ta’ Pilkington għal EUR 357 miljun wara żball fil-kalkolu. Ara wkoll il-is-sentenza Saint Gobain Glass France *et* vs Il-Kummissjoni (T-56/09 u T-73/09, EU:T:2014:160).

59 — EU:T:2004:221, punti 566 sa 579.

60 — Ara, pereżempju, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Albani *et* (C-242/90 P, EU:C:1993:284, punti 13-17.

61 — Sentenza JFE Engineering vs Il-Kummissjoni, EU:T:2004:221 (ara l-punt 86 *et seq.* ta’ dawn il-konklużjonijiet).

91. Qabel ma nipproċedu iktar, għandi madankollu neżamina t-tieni aggravju ta' Guardian, li jirrigwarda (indirettament) il-perċentwal korrett li għandu jiġi applikat fil-kuntest ta' dan it-tnaqqis.

92. It-tieni aggravju huwa indirizzat kontra l-punti 21 u 22 tas-sentenza appellata, li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali ddikjarat ammissibbli l-ittra tal-10 ta' Frar 2012.

93. Guardian tfakkar li, quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-risposta tal-Kummissjoni ma qalet xejn dwar il-punt kif għandha titħassar l-inugwaljanza fit-trattament fil-kalkolu tal-multi. Il-Qorti Ġenerali, permezz ta' domandi tad-19 ta' Diċembru 2011 u tal-10 ta' Jannar 2012, talbet lill-Kummissjoni sabiex tiddikjara l-pożizzjoni tagħha fuq dan il-punt. Fir-risposta tagħha tat-23 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni sempliċement indikat li multa mnaqqsa bi kważi 40 % ma tkunx disważiva biżżejjed.

94. Fis-16 ta' Jannar 2012, Guardian talbet lill-Qorti Ġenerali sabiex tkun awtorizzata tipproduċi ċerti dokumenti insostenn tal-argument tagħha intiż għat-tnaqqis tal-multa. Il-Kummissjoni, b'ittra tal-31 ta' Jannar 2012, opponiet dik it-talba, minħabba li l-produzzjoni tardiva ta' offerti ta' provi kienet tippreġudika d-drittijiet tad-difiża.

95. Wara li ġiet awtorizzata f'dan is-sens mill-Qorti Ġenerali, Guardian ippreżentat dokument ġdid fit-8 ta' Frar 2012, jiġifieri fit-terminu indikat lilha.

96. Fl-10 ta' Frar 2012, l-aħħar jum ta' ħidma qabel is-seduta tat-13 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni indirizzat lill-Qorti Ġenerali ittra li tippreċiża l-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-possibbiltà ta' tnaqqis tal-multa. Skont Guardian, dik l-ittra kienet tinkludi elementi ġodda li ma kinux jinsabu fil-proċess.

97. Għalkemm dik l-ittra ġiet ippreżentata wara li skada t-terminu, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 22 tas-sentenza appellata, iddikjarat li kienet ammissibbli fid-dawl "tal-kontenut ta' din l-ittra" u, min-naħa l-oħra, "tal-fatt li hija ntbagħtet lir-rikorrenti, li għaldaqstant setgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar is-suġġett waqt is-seduta".

98. Skont il-Kummissjoni, it-tieni aggravju ma huwiex fondat, għaliex xejn ma jipprojbixxi lill-Qorti Ġenerali milli taċċetta risposta tardiva, b'mod konformi mal-Artikolu 11(2) tal-Istruzzjonijiet lir-reġistratur tal-Qorti Ġenerali [62]. Barra minn hekk, minħabba l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali tista' tieħu inkunsiderazzjoni elementi fattwali ppreżentati tard, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju. Dan kien żgurat f'din il-kawża, għaliex Guardian setgħet tirrispondi għall-kontenut tal-ittra tal-10 ta' Frar 2012 matul is-seduta. Il-fatt li hija għażlet li ma tagħmilx dan ma jbiddel xejn.

99. Il-Kummissjoni tiddikjara wkoll li hija ppruvat tirrispondi bil-miktub kemm jista' jkun malajr għall-ittra ta' Guardian tat-8 ta' Frar 2012 billi tibgħat lil Guardian u lill-Qorti Ġenerali l-ittra tagħha tal-10 ta' Frar 2012 u li hija setgħet sempliċement tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha matul is-seduta.

100. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx taċċetta l-ittra inkwistjoni, billi tissuġġetta l-ammissibbiltà ta' dokument ippreżentat barra mit-terminu għan-natura tal-kontenut tiegħu. Ir-raġuni hija sempliċi: ir-Regoli tal-Proċedura tagħha u l-Istruzzjonijiet lir-reġistratur (b'mod partikolari l-Artikolu 11) jindikaw strettament il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jiġu prodotti provi jew offerti ta' provi. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kontenut tal-ittra, li dwaru jitkellem il-punt 22 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma toffri ebda motivazzjoni li tippermetti li jinftiehmu r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-ammissibbiltà tal-provi prodotti lejliet is-seduta, bi ksur tar-Regoli tal-Proċedura.

62 — Ara s-sentenza Vega Rodríguez vs Il-Kummissjoni (T-285/02 u T-395/02, EU:T:2004:324, punt 24.

101. Effettivament, għalkemm il-Kummissjoni tosserva li l-President tal-Qorti Ġenerali jista' eċċezzjonalment jestendi skadenza, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, f'din il-kawża, il-Kummissjoni kienet diġà kisbet proroga[63] u astjeniet milli titlob oħra u milli tkun tista' b'hekk tiġġustifika l-produzzjoni tardiva tad-dokument inkwistjoni[64]. Skont it-tieni subparagrafu l-Artikolu 11(3) tal-Istruzzjonijiet lir-reġistratur tal-Qorti Ġenerali, it-talbiet għall-proroga tat-termini għandhom ikunu debitament motivati, imressqa fil-ħin qabel l-iskadenza tat-terminu ffissat u tali skadenza tista' tiġi estiża darba biss, ħlief għal raġunijiet eċċezzjonali[65]. B'hekk, ma jistax jiġi aċċettat l-argument li t-tieni proroga setgħet ingħatat "b'mod impliċitu".

102. Il-Kummissjoni kellha tkun taf li hija ma setgħetx tippreżenta fil-proċess: (i) dokument li fih fatti u ċifri b'risposta għal argument invokat minn Guardian sa mill-bidu tal-proċedura, erba' snin qabel; (ii) fl-aħħar minuta lejliet is-seduta[66]; (iii) wara ż-żmien u b'hekk tardivament; (iv) mingħajr ma tikkonsulta lill-Qorti Ġenerali dwar il-legalità ta' dak l-approċċ u b'hekk mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha; (v) u mingħajr ma tiġġustifika d-dewmien tagħha sabiex tikkompleta r-risposta tagħha tat-23 ta' Jannar 2012. L-argument li l-Kummissjoni bagħtet l-ittra lil Guardian wara li bagħtitha lill-Qorti Ġenerali ma jbiddel xejn minn dak li ntqal hawn fuq.

103. Jiena b'hekk tal-fehma li l-ittra tal-Kummissjoni kienet inammissibbli u li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta aċċettatha. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk għandha tirtiraha mill-proċess u ma għandhiex tikkunsidra l-kontenut tagħha.

104. Kif irrilevat Guardian, il-Kummissjoni eskludiet biljun Euro ta' bejgħ intern minn volum totali tas-suq ta' EUR 2.7 biljun. Dik iċ-ċifra tirriżulta mid-differenza bejn l-ammont totali tal-bejgħ ta' ħġieġ ċatt ikkunsidrat fid-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri EUR 1.7 biljun (premessa 41 tad-deċiżjoni kkontestata) u l-ammont totali kkunsidrat fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, jiġifieri EUR 2.7 biljun[67], u b'hekk tirrappreżenta 37 % tal-volum totali tas-suq ikkunsidrat inizjalment.

105. Konsegwentement, wara t-tnaqqis ta' 37 %, il-multa ta' Guardian għandha tiġi ffissata għal EUR 93 240 000 minflok għal EUR 148 000 000.

## B – *Fuq it-tielet aggravju*

106. Guardian essenzjalment targumenta li, f'dan il-każ, it-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq f'terminu raġonevoli, kif imsemmi fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

63 — Fl-ittra tas-6 ta' Jannar 2012, il-Qorti Ġenerali barra minn hekk osservat li "[i]n principle, no further extension of this time-limit will be granted".

64 — Skont l-Artikolu 11(3) tal-Istruzzjonijiet lir-reġistratur tal-Qorti Ġenerali, it-talbiet għall-proroga tat-termini għandhom ikunu debitament motivati u ppreżentati fil-ħin.

65 — Barra minn hekk, skont l-Artikolu 1(2) ta' dawn l-istruzzjonijiet (li fuqhom tipprova tibbaża ruħha l-Kummissjoni): "L-atti proċedurali li jaslu fir-reġistru wara li jkun skada t-terminu ffissat għall-preżentata tagħhom *jistgħu jiġu aċċettati biss bl-awtorizzazzjoni tal-President*" (enfasi miżjuda minni).

66 — Naqbel ma' Guardian li l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u l-osservanza tal-kontradittorju jeżiġu li s-seduta tkun limitata, fil-prinċipju, għall-elementi tal-proċess li setgħu jiġu ddibattuti bil-miktub. Is-sempliċi possibbiltà li wieħed jinstema' matul is-seduta fir-rigward ta' dokumenti ppreżentati tard ma tippermettix li jiġu rrispettati d-drittijiet tad-difiża (ara s-sentenza, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni, T-321/05, EU:T:2010:266, punt 27).

67 — Ara l-punt 100 tas-sentenza appellata.

107. Il-Kummissjoni, wara li qieset li dan l-aggravju kien inammissibbli, irtirat matul is-seduta l-eċċezzjonijiet tagħha ta' inammissibbiltà fid-dawl tas-sentenzi fil-kawżi Gascogne *et*[68]. Fir-rigward tal-mertu, il-Kummissjoni tikkontesta l-argumentazzjoni ta' Guardian. Hija tikkontesta li din il-kawża kienet ta' natura urġenti għal Guardian kif ukoll l-argument li d-dewmien min-naħa tal-Qorti Ġenerali seta' kkawżalha preġudizzju, peress li r-rikors tagħha ġie miċħud. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li kull tnaqqis tal-multa mill-Qorti tal-Ġustizzja kellu, f'din il-kawża, ikun simboliku jew estremament limitat.

1. Analiżi

a) Introduzzjoni

108. Għandu jitfakkar qabel kollox li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jipprovdi li "[k]ull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi". Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja f'diversi okkażjonijiet, "dan l-artikolu jirrigwarda l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva"[69]. Fuq din il-bażi, tali dritt, li l-eżistenza tiegħu ġiet affermata qabel id-dħul fis-seħħ tal-Karta bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, huwa applikabbli fil-kuntest ta' rikors ġudizzjarju kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni[70].

109. Effettivament, kif fakkret il-Qorti EDB, "skont l-Artikolu 6(1) tal-KEDB] il-kawżi għandhom jinstemgħu 'fi żmien raġjonevoli'; il-Konvenzjoni tenfasizza hawnhekk l-importanza marbuta mar-rekwiżit *li l-ġustizzja ma tingħatax b'dewmien tant li tiġi kompromessa l-effikaċja u l-kredibilità tagħha*" (enfasi miżjuda minni)[71].

110. Fil-fehma tiegħi, il-mekkaniżmu adegwat sabiex jiġi rrimedjat ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli mill-Qorti Ġenerali f'kawża bħal din inkwistjoni huwa — għal raġunijiet ta' ekonomija tal-ġudizzju iżda wkoll sabiex jiġi ggarantit rikors immedjat u effettiv — tnaqqis tal-multa, pjuttost milli l-partijiet jitħallew bir-responsabbiltà li jippreżentaw rikors għad-danni quddiem il-Qorti Ġenerali, li inevitabbilment, ma setgħetx tirrispetta l-imsemmi prinċipju peress li ma kinitx f'pożizzjoni li tiddeċiedi f'terminu raġonevoli.

111. Huwa fil-fatt paradossali li l-uniku mod kif jista' jiġi rrimedjat tul eċċessiv ta' proċedura ġudizzjarja huwa billi jiġi ppreżentat rikors ieħor, li neċessarjament jimplika spejjeż ġodda (kemm għall-partijiet kif ukoll għas-soċjetà) u dewmien twil.

112. L-Avukat Ġenerali Léger barra minn hekk innota fil-punt 67 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni[72]: "[g]ħal darb'oħra, mingħajr ma tiġi ġġudikata minn qabel in-natura irraġonevoli tad-dewmien fl-għoti tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali u lanqas il-parti tar-responsabbiltà li hija kellha f'dan il-każ, ma jistax jiġi previst li istanza ġudizzjarja tiġi fdata bil-missjoni li tiddeċiedi dwar jekk l-aġir tagħha stess kienx żbaljat jew illegali. Ma hemm ebda dubju li f'dan il-każ ikun hemm ksur tal-prinċipju ta' qorti imparzjali, kif stabbilit fl-Artikolu 6(1)

68 — Sentenzi Gascogne Sack Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-40/12 P, EU:C:2013:768), Kendrion vs Il-Kummissjoni (C-50/12 P, EU:C:2013:771) u Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni (C-58/12 P, EU:C:2013:770), iktar 'il quddiem il-"kawżi 'Gascogne *et*'").

69 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Der Grüne Punkt — Duales System Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-385/07 P, EU:C:2009:456, punt 179 u l-ġurisprudenza ċċitata, iktar 'il quddiem is-"sentenza Der Grüne Punkt"). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat f'diversi okkażjonijiet li d-dritt għal smigħ xieraq, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB", jikkostitwixxi dritt fundamentali li l-Unjoni Ewropea tirrispetta bħala prinċipju ġenerali skont l-Artikolu 6(2) UE (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Legris Industries vs Il-Kummissjoni, C-289/11 P, EU:C:2012:270, punt 36).

70 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Der Grüne Punkt, EU:C:2009:456, punt 178 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara, pereżempju, il-Qorti EDB Erkner u Hofauer vs L-Awstrija (Nru 9616/81, § 66, 23 ta' April 1987).

71 — Ara, il-Qorti EDB, H. vs Franza, 24 ta' Ottubru 1989, serje A Nru 162, § 58.

72 — ? Konklużjonijiet C-185/95 P, EU:C:1998:37.

tal-Konvenzjoni. Jidhirli li huwa diffiċli li jiġi evitat dak il-ksur billi l-kawża tintbagħat lura lil qorti komposta diversament minn dik li tat is-sentenza oriġinali għaliex, jekk wieħed jadotta l-approċċ tal-Qorti ta' Strasbourg, il-modifika fil-kompożizzjoni ta' qorti tista' ma tkunx biżżejjed biex titneħħa l-impressjoni ta' parzjalità li tinħoloq mis-sentenza ta' din il-qorti li hija stess tagħti [...].”

113. Dan kien ukoll il-parir tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet li hija ppreżentat fil-kawżi Solvay vs Il-Kummissjoni [73].

114. Dan kien ukoll l-approċċ segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni [74]. Skont l-Avukat Ġenerali Kokott, tali approċċ kien jissodisfa “[ir-]rekwiżit ta' implementazzjoni effettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni [...], sa fejn il-konstatazzjoni tal-ksur u tal-obbligu tal-impriża kkonċernata li tieqaf minn dak il-ksur [jibqgħu] f'tali każ [...]. L-effett dissważiv tal-multa oriġinarjament stabbilita mill-Kummissjoni, jew mill-Qorti Ġenerali, jippersisti fir-rigward tal-operaturi kummerċjali oħra. [Hija] ma tikkontestax is-suffiċjenza tal-ammont tal-multa fid-dawl tal-fatti li wasslu għall-ksur [u] [t]fisser biss speċi ta' kumpens bejn l-ammont oriġinali tal-multa u l-ammont li jkun ikkunsidrat bħala kumpens ġust għat-tul eċċessiv tal-proċedura” (punt 332).

115. Hija tiddikjara wkoll li “[g]ħal raġunijiet ta' ekonomija tal-proċedura u sabiex jiġi żgurat lill-impriża kkonċernata rimedju immedjat u effettiv kontra tali irregolarità, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkompli ssegwi, sa fejn dan jidher possibbli, f'dawk il-każijiet li jkunu taw lok għal impożizzjoni ta' multa, l-approċċ li hija stabbilixxiet fis-sentenza Baustahlgewebe [vs Il-Kummissjoni]” (punt 331).

116. Barra minn hekk, taħt ċerti liġijiet nazzjonali, il-konstatazzjoni mill-qorti ta' terminu mhux raġonevoli [75] f'kawża kriminali għandha effett dirett fuq il-piena.

117. Madankollu, f'sentenza reċenti (Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni, EU:C:2013:770), mogħtija fl-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat b'mod ċar li kienet favur is-soluzzjoni l-oħra: waqt li teskludi l-possibbiltà li tintalab is-sanzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli fil-kuntest ta appell (punt 84), hija tiddeċiedi, b'riferiment għall-Artikolu 47 tal-Karta mingħajr ma' tiċċita l-Artikolu 6(1) tal-KEDB, li tali ksur ta' dak il-prinċipju minn qorti tal-Unjoni jista' jiġi rrimedjat biss permezz ta' rikors għad-danni ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali (punt 83), li għandha ġurisdizzjoni fir-rigward tal-azzjonijiet imressqa kontra l-Unjoni fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali.

118. Ċertament il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet bl-istess mod fis-sentenza Der Grüne Punkt, EU:C:2009:456, iżda f'dak il-każ, għalkemm il-Kummissjoni kienet ikkonstatat l-eżistenza ta' abbuż ta' pożizzjoni dominanti, ebda multa ma kienet ġiet imposta, fatt li ma kienx il-każ fil-kawżi “Gascogne *et*”.

119. Jidhirli li għandu jitqies li, permezz ta' din is-sentenza Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni, EU:C:2013:770, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod ċar abbandunat l-approċċ li jikkonsisti fit-tnaqqis tal-multa sabiex jiġi rrimedjat ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli. B'hekk jidhirli li għandi nirraġuna fuq din il-bażi f'din il-kawża billi nirrileva xi elementi oħrajn tas-sentenza Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni li ser jiggwidaw ukoll ir-raġunament tiegħi.

73 — Konklużjonijiet C-109/10 P, EU:C:2011:256, punti 325 sa 332, u C-110/10 P, EU:C:2011:257, punti 166 sa 173.

74 — EU:C:1998:60.

75 — Fir-rigward tal-kwistjoni dwar liema perijodu jista' jitqies bħala “raġonevoli” (u dan b'rabta mal-Artikolu 6 tal-KEDB u mal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB), ara, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Widdershoven quddiem ir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) tat-23 ta' Ottubru 2013, disponibbli fuq is-sit: http://uitspraken.rechtspraak.nl/inziendocument?id=ECLI:NL:RVS:2013:1586.

120. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, jekk it-tul eċċessiv tal-proċedura ma jkollux effett fuq is-soluzzjoni tal-kawża, in-nuqqas ta' osservanza ta' terminu raġonevoli għall-għoti tas-sentenza ma jistax iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata fil-kuntest ta' appell. Peress li l-kumpanniji kkonċernati ma pprovdew ebda indikazzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja li turi li n-nuqqas ta' osservanza mill-Qorti Ġenerali ta' terminu raġonevoli għall-għoti tas-sentenza seta' kellu effett fuq is-soluzzjoni tal-kawżi li tressqu quddiemha, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet it-talbiet tal-kumpanniji intiżi għall-annullament tas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali.

121. Fit-tieni lok, kif spjegat preċedentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika lill-Qorti Ġenerali bħala l-unika qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli. Ir-regola issa bl-ebda mod ma hija ambigwa: "talba intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu kkawżat min-nuqqas ta' osservanza, min-naħa tal-Qorti Ġenerali, ta' żmien raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni ma tistax titressaq direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell iżda għandha titressaq quddiem il-Qorti Ġenerali stess" (punt 84 tas-sentenza Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni, EU:C:2013:770). Il-Qorti tal-Ġustizzja tkompli billi tispeċifika l-kriterji li jippermettu li jiġi evalwat jekk il-Qorti Ġenerali osservatx il-prinċipju ta' terminu raġonevoli (punti 85 sa 87) u tikkonkludi, fil-punt 88, li "[h]ija *wkoll* il-Qorti Ġenerali li għandha tevalwa kemm ir-realtà tad-dannu invokat kif ukoll ir-rabta kawżali bejn dan id-dannu u t-tul eċċessiv tal-proċedura ġudizzjarja kontenzjuża billi teżamina l-provi prodotti għal dan il-għan" (enfasi miżjuda minni). L-użu tal-avverbju "wkoll" għandu jimplika li l-evalwazzjoni tal-kriterji elenkati fil-punti preċedenti taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess qorti bħal dik indikata fil-bidu u fit-tmiem tar-raġunament, jiġifieri l-Qorti Ġenerali. Dan il-qari tas-sentenza Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni, EU:C:2013:770 għandha twassalni niddikjara bħala inammissibbli t-tielet aggravju ta' Guardian. Madankollu, qari ieħor tas-sentenza huwa possibbli peress li, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod ċertament xi ftit paradossali, tiddeċiedi hija stess dwar il-kwistjoni jekk kienx hemm ksur jew le tal-imsemmi prinċipju, billi tikkaratterizzah bħala ksur suffiċjentement ikkaratterizzat tad-dritt tal-Unjoni. Hija qieset, sabiex tasal għal dik il-konklużjoni, li la l-kumplessità tat-tilwima, la l-aġir tal-partijiet u lanqas l-intervent ta' kwistjonijiet proċedurali ma setgħu jiġġustifikaw it-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

122. Ikkunsidrati fil-globalità tagħhom, l-iżviluppi tal-Qorti tal-Ġustizzja relatati mal-ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli fis-sentenza Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni, EU:C:2013:770 jidhru għaldaqstant jimplikaw li mit-tliet kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-eżistenza ta' dispożizzjoni legali tal-Unjoni intiża li tipproteġi lill-individwi (li huwa l-każ tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli), il-ksur suffiċjentement ikkaratterizzat ta' din id-dispożizzjoni legali u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn dan il-ksur u dannu, il-Qorti Ġenerali għandha teżamina biss din tal-aħħar, inkluża l-evalwazzjoni ta' dan id-dannu.

123. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja teskludi l-ewwel qari tas-sentenza Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni, EU:C:2013:770 li għandu jwassal għall-inammissibbiltà tat-tielet aggravju u tittrasponi fir-rigward ta' din il-kawża l-metodoloġija tagħha fil-kawża Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni, hija għandha għaldaqstant tiddeċiedi dwar jekk hemmx ksur jew le tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli.

b) Din il-kawża

124. Għall-finijiet tal-eżami ta' din il-kwistjoni f'din il-kawża, ser nibbaża ruħi fuq is-sentenzi fil-kawżi Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, EU:C:1998:608, u Gascogne *et*, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li kien hemm ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli.

125. Fis-sentenza Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, EU:C:1998:608 (punt 29), il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet il-kriterji li abbażi tagħhom kellhom jiġu evalwati t-tul globali ta' proċedura u, b'mod partikolari, tal-perijodi ta' inattività mhux spjegati, jiġifieri "dak li kien ta' importanza vera" għar-rikorrenti, il-kumplessità tal-kawża u l-aġir tar-rikorrent li seta' kkontribwixxa għad-dewmien.

126. F'dik il-kawża, it-tul globali tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali kien ta' 5 snin u 6 xhur. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat t-tul mhux spjegat u li fil-fehma tagħha ma kienx iġġustifikat taż-żewġ perijodi ta' inattività, jiġifieri s-sentejn u tmien xhur li għaddew bejn it-tmiem tal-proċedura bil-miktub u l-ftuħ tal-proċedura orali kif ukoll it-22 xahar bejn l-għeluq ta' dik il-proċedura orali u l-għoti tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali (punti 45 u 46).

127. Fil-kawżi "Gascogne *et*", peress li t-tul globali tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali kien ta' 5 snin u 9 xhur, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dak it-tul "ma [seta' jkun] [i]ġġustifikat minn ebda waħda miċ-ċirkustanzi partikolari għall-kawża li tat lok għal din it-tilwima" (punt 91).

128. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "la [l-]kumplessità tat-tilwima, la [l-]aġir tal-partijiet u lanqas [l-]intervent ta' kwistjonijiet proċedurali" (punt 92) ma jiġġustifika l-fatt li għaddew 3 snin u 10 xhur bejn it-tmiem tal-proċedura bil-miktub u l-ftuħ tal-proċedura orali.

129. Jekk napplika dawn il-kriterji għal din il-kawża, bilfors nasal għall-istess konklużjoni, u dan fuq il-bażi tal-konstatazzjonijiet li ġejjin.

130. Fl-ewwel lok u qabel kollox, minn perijodu totali ta' kważi 4 snin u 7 xhur, għaddew iktar minn 3 snin u 5 xhur[76] bejn l-għeluq tal-proċedura bil-miktub u d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li tiftaħ il-proċedura orali, fin-nuqqas ta' kull att proċedurali ieħor u mingħajr ebda raġuni evidenti[77]. Dan il-perijodu ma jistax jiġi spjegat miċ-ċirkustanzi tal-kawża, u dan la mill-kumplessità tat-tilwima, la mill-aġir ta' Guardian u lanqas mill-intervent ta' kwistjonijiet proċedurali.

i) Fuq il-kumplessità tal-kawża

131. Din il-kawża ma tistax tiġi kkwalifikata bħala kumplessa, peress li l-argumenti ta' Guardian huma bbażati fuq noti li jirrigwardaw ċerti kuntatti bejn parteċipanti f'akkordju għal perjodu ta' ftit iktar minn sena u xahar[78]. Dawn id-dokumenti kollha kienu redatti bl-Ingliż, il-lingwa tal-proċedura[79].

132. Fis-sentenza Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, EU:C:1998:608, minkejja l-fatt li ġie kkonstatat li l-proċedura "kienet teħtieġ eżami profond tad-dokumenti relattivament voluminużi", dan ma kienx biżżejjed sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra l-kawża bħala kumplessa biżżejjed sabiex jiġi ġġustifikat it-tul tal-proċedura.

76 — Is-sostituzzjoni tal-President tal-Awla, Moavero Milanesi mill-Imħallef Kanninen, li daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Novembru 2011, ma tikkostitwixxix ċirkustanza rilevanti, inkwantu min-naħa waħda, din seħħet iktar minn 3 snin u 4 xhur wara l-għeluq tal-proċedura bil-miktub u, min-naħa l-oħra, kif irrimarkat l-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Solvay vs Il-Kummissjoni (EU:C:2011:256, punt 343), "[i]-problemi ta' organizzazzjoni interna tal-Qorti Ġenerali, pereżempju dawk marbuta mat-tiġdid perijodiku tal-imħallfin, jew l-inkapaċità ta' wħud minnhom, ma għandhomx jikkawżaw dannu lill-partijiet". Ara, fl-istess sens, il-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Solvay vs Il-Kummissjoni (EU:C:2011:257, punt 184).

77 — Guardian issostni, essenzjalment, li t-terminu ta' 3 snin u 5 xhur bejn l-għeluq tal-proċedura bil-miktub u d-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura orali ma jistax jiġi rrikonċiljat faċilment man-nuqqas ta' kull sforz partikolari min-naħa tal-Qorti Ġenerali sabiex teżamina l-fatti u l-provi, immanifestat bl-assenza ta' domandi bil-miktub dwar il-punti fattwali inkwistjoni. Għandu jingħad ukoll li l-imsemmi terminu jista' jiġi kkuntrastat ukoll mal-mod kif il-Qorti Ġenerali ttrattat il-kwistjoni tal-bejgħ intern, li hija s-suġġett tal-ewwel motiv ta' Guardian, u fejn il-Qorti Ġenerali ma tanalizzax, u lanqas biss issemmi, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett (KNP BT vs Il-Kummissjoni, EU:C:2000:625) li hija ma tapplikax fis-sentenza appellata — u dan minkejja li kienet ġiet invokata minn Guardian.

78 — Skont Guardian, l-argumenti tagħha huma bbażati fuq noti li jirrigwardaw biss "tliet kuntatti ma' kompetituri u żewġ dikjarazzjonijiet korporattivi, u żewġ laqgħat jew tlieta".

79 — F'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali kellha teżamina biss numru limitat ta' annessi, prinċipalment noti li jirrigwardaw tliet kuntatti bejn il-kompetituri (17-il paġna b'kollox), kif ukoll siltiet qosra minn żewġ dikjarazzjonijiet korporattivi. Dawn id-dokumenti kollha kienu redatti bil-lingwa tal-proċedura (jiġifieri l-Ingliż, li effettivament hija lingwa magħrufa kważi fid-dinja kollha, b'differenza mis-Slovakk jew mill-Malti biex nagħtu xi ftit eżempji).

133. Fil-kawżi Gascogne *et*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet indirizzata lil 25 destinatarju (u kien hemm kważi l-istess ammont ta' kumpanniji involuti) li 15 minnhom ippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali. F'din il-kawża, kien hemm biss disa' destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata (u erba' kumpanniji involuti, jiġifieri Guardian, Asahi/Glaverbel, Pilkington u Saint-Gobain), li minnhom Guardian biss ippreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali [80].

134. Il-kawża Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni kienet tirrigwarda deċiżjoni indirizzata lil erbatax-il produttur (li minnhom ħdax kienu ppreżentaw rikors bi tliet lingwi differenti) li kienet tat lok għal żewġ stadji sħaħ ta' skambji ta' risposti [81]. Madankollu f'dik il-kawża, il-Qorti Ġenerali kienet organizzat seduta disa' xhur qabel minn f'din il-kawża!

135. Barra minn hekk, il-motivi invokati minn Guardian ma jippreżentawx grad ta' diffikultà partikolarment għoli. Insostenn tat-talbiet tagħha intiżi għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata, Guardian invokat biss motiv uniku, ibbażat fuq żbalji ta' fatt dwar it-tul tal-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju u dwar id-dimensjoni ġeografika tal-akkordju. It-talbiet intiżi għat-tnaqqis tal-multa kienu bbażati biss fuq tliet motivi. L-ewwel wieħed kien intiż sabiex jislet il-konsegwenzi tal-motiv ta' annullament parzjali. Permezz tat-tieni wieħed, Guardian invokat ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu ta' motivazzjoni. Fir-rigward tat-tielet motiv, dan kien ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-irwol ta' Guardian fl-akkordju.

ii) Fuq il-kwistjonijiet proċedurali

136. Bl-istess mod bħal fil-kawżi "Gascogne *et*", il-proċedura f'din il-kawża la ġiet interrotta u lanqas imdewma bl-adozzjoni ta' xi miżura ta' organizzazzjoni tagħha mill-Qorti Ġenerali.

iii) Fuq l-importanza vera għal Guardian u fuq l-aġir tagħha matul il-proċedura

137. Il-kawża kienet ta' importanza kunsiderevoli għal Guardian. Effettivament, l-ammont tal-multa tagħha ta' EUR 148 miljun (meta mqabbel ma' EUR 9.9 miljun fil-kawża li tat lok għas-sentenza Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni, EU:C:2013:770) kien jirrappreżenta 4 % tad-dħul mill-bejgħ globali tagħha. Barra minn hekk, Guardian b'ebda mod ma fixklet jew dewmet il-proċess tal-ġustizzja. Ir-rikors promotur tagħha kien jikkonsisti biss f'49 paġna u Guardian irrinunzjat għat-tieni stadju ta' dokumenti bil-miktub (li huwa rari fil-kawżi dwar id-dritt tal-kompetizzjoni) [82].

138. Barra minn hekk, Guardian ħadet l-inizjattiva fi tliet okkażjonijiet sabiex tfakkar lill-Qorti Ġenerali li kienet għadha ma ġietx iffissata data għas-seduta, waqt li enfasizzat kull darba t-terminu kunsiderevoli li kien għadda minn wara l-għeluq tal-proċedura bil-miktub [83] u kitbitilha li l-proċedura orali b'mod kurjuż kienet baqgħet miftuħa erba' xhur wara s-seduta, mingħajr ebda talba lill-partijiet min-naħa tal-Qorti Ġenerali.

139. Finalment, il-Qorti Ġenerali ma indirizzat ebda domanda bil-miktub lill-partijiet li setgħet ittawwal it-terminu għall-ftuħ tal-proċedura orali, u sempliċement għamlet domanda dwar il-fatti matul is-seduta. Barra minn hekk, jidher li l-Qorti Ġenerali ma ħadet ebda inizjattiva sabiex tħaffef il-proċedura matul il-perijodu ta' inattività evidenti ta' tliet snin u ħames xhur. Nikkonkludi minn dak

80 — Minħabba dan il-fatt ma kienx neċessarju għall-Qorti Ġenerali li tieħu inkunsiderazzjoni l-kwistjonijiet ta' "konnettività" li jistgħu jqumu f'rikorsi paralleli u li jistgħu wkoll ikollhom impatt fuq it-tul tal-proċedura (ara, pereżempju, is-sentenza ICIndustries vs Il-Kummissjoni (T-214/06, EU:T:2012:275, punt 314).

81 — EU:C:1998:608, (punti 35 u 47).

82 — Ara l-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża C-109/10 P Solvay vs Il-Kummissjoni (EU:C:2011:256, punt 340). Ara, fl-istess sens, il-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Solvay vs Il-Kummissjoni (EU:C:2011:257 punt 181).

83 — Għal dan il-għan, Guardian ressqet ukoll talba formali għal trattament prijoritarju lill-President tal-Qorti Ġenerali.

li ntqal hawn fuq li l-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali f'din il-kawża kisret it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta inkwantu din ma osservatx ir-rekwiżiti marbuta mal-osservanza ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza, fatt li jikkostitwixxi ksur suffiċjentement ikkaratterizzat ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi [84].

140. Kif jirriżulta mis-sentenza Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni, EU:C:2013:770, u inkwantu Guardian tikkunsidra li d-diffikultajiet finanzjarji tagħha invokati fl-appell tagħha jippreżentaw rabta ta' kawżalità man-nuqqas ta' osservanza min-naħa tal-Qorti Ġenerali tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza [85], hija tista' targumenta dan fil-kuntest ta' rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali abbażi tal-Artikolu 235 KE u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE (li saru l-Artikolu 268 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE) [86].

141. F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-imsemmija ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li "hija [...] il-Qorti Ġenerali li għandha tevalwa kemm ir-realtà tad-dannu invokat kif ukoll ir-rabta kawżali bejn dan id-dannu u t-tul eċċessiv tal-proċedura ġudizzjarja kontenzjuża billi teżamina l-provi prodotti għal dan il-għan" (punt 88 ta' dik is-sentenza).

142. F'dan ir-rigward, "fil-każ ta' rikors għad-danni bbażat fuq ksur, min-naħa tal-Qorti Ġenerali, tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, sa fejn allegatament ma osservatx ir-rekwiżiti marbuta mal-osservanza ta' żmien raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali għandha, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipji ġenerali applikabbli fl-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri sabiex jiġu ttrattati r-rikorsi bbażati fuq ksur simili. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali għandha b'mod partikolari tistħarreġ jekk tistax tiġi identifikata, minbarra l-eżistenza ta' dannu materjali, l-eżistenza ta' dannu immaterjali li setgħet ġarrbet il-parti milquta mill-qbiż ta' żmien raġonevoli u li, jekk ikun il-każ, għandu jkun is-suġġett ta' kumpens adegwat" (punt 89 tal-istess sentenza).

143. Finalment, "il-Qorti Ġenerali, li għandha kompetenza [ġurisdizzjoni] bis-saħħa tal-Artikolu 256(1) TFUE, għandha tiddeċiedi dwar tali talbiet għad-danni u dan permezz ta' kulleġġ ġudikanti differenti minn dak li jkun ittratta l-kawża li tkun wasslet għall-proċedura li t-tul tagħha jkun qiegħed jiġi kkritikat u billi tapplika l-kriterji ddefiniti fil-punti 85 sa 89 [tas-sentenza Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni]" (punt 90).

## IV – **Fuq l-ispejjeż**

144. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-Artikolu 138 tal-istess regoli, li japplika għall-appelli bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, jipprovdi fil-paragrafu (3) tiegħu li, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

84 — Sentenza Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni, (C-352/98 P, EU:C:2000:361, punt 42).

85 — Guardian tinvoka d-dannu li jirriżulta: a) mil-*lucrum cessans* li ġarrbet minħabba l-ħlas provviżorju tal-multa ta' EUR 111 miljun u b) mill-ispiża sabiex tagħti garanzija bankarja għall-kumplament (EUR 30 000 fix-xahar) u titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tnaqqas b'mod sinjifikattiv l-ammont tal-multa bħala kumpens għall-ksur tat-terminu raġonevoli, li Guardian tistma għal 25 % tal-ammont tal-multa, qabel kull tnaqqis li jista' jingħata abbażi tal-ewwel aggravju.

86 — Ara l-konklużjonijiet fil-kawża Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni (C-58/12 P, EU:C:2013:360, point 148). Naqbel mal-analiżi tal-Avukat Ġenerali Sharpston li, fil-punt 149 ta' dawk il-konklużjonijiet, tippreċiża, fir-rigward tal-"fatt li jagħti lok" għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, li dan għandu jikkonsisti fil-konstatazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja li l-Qorti Ġenerali akkumulat dewmien bla bżonn. Għaldaqstant, it-terminu ta' ħames snin li matulu għandha titressaq kull azzjoni għad-danni jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

145. Fir-rigward ta' dan l-appell, peress li l-Kummissjoni tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż sostnuti minn Guardian. Min-naħa l-oħra, peress li Guardian u l-Kummissjoni tilfu f'parti mit-talbiet tagħhom fil-kuntest tal-proċedura fl-ewwel istanza, għandu jiġi deċiż li kull waħda minnhom għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta ma' din l-istanza.

## V – **Konklużjoni**

146. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

— tiddikjara li, fis-sentenza tagħha Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (T-82/08, EU:T:2012:494), il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea wettqet żball ta' liġi inkwantu ddeċidiet li l-ittra tal-Kummissjoni Ewropea tal-10 ta' Frar 2012 kienet ammissibbli, minkejja l-fatt li din ġiet ippreżentata tard, tiddikjara l-imsemmija ittra inammissibbli u tirtiraha mill-proċess;

— tannulla l-imsemmija sentenza peress li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, inkwantu kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li teskludi l-bejgħ intern mill-kalkolu tal-multi imposti fuq id-destinatarji l-oħrajn tad-deċiżjoni, biex b'hekk ħolqot diskriminazzjoni għad-detriment tal-appellanti;

— għaldaqstant, tnaqqas b'37 % l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti u tiffissaha għal EUR 93 240 000 minflok għal EUR 148 000 000;

— tiddikjara li l-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx f'terminu raġonevoli;

— tiddeċiedi li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta mal-ewwel istanza u li l-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż kollha marbuta ma' din l-istanza.